



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 6.2.2013  
COM(2013) 40 final

2013/0022 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jstabilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-ħtiġijiet ta' sigurtà huma parti essenzjali mid-disinn, l-implimentazzjoni u l-operat tal-infrastrutturi li jirriżultaw mill-programmi Galileo u EGNOS, li l-użu tagħhom jista' jaffettwa s-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Tabilħaqq, minħabba l-importanza strateġika tagħhom, is-sistemi ta' radjunavigazzjoni bis-satelliti huma infrastrutturi sensitivi, suxxetibbli b'mod partikolari għal użu ħażin. Barra minn hekk, minħabba l-użu dejjem akbar ta' radjunavigazzjoni bis-satellita f'diversi oqsma ta' attività, l-interruzzjoni tal-provvista tas-servizzi tista' tikkawża ħsara sinifikanti fis-soċjetajiet kontemporanji.

Ir-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)<sup>1</sup> jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tamministra l-aspetti kollha relatati mas-sigurtà taż-żewġ sistemi li ħarġu mill-programmi Galileo u EGNOS. Madankollu, is-sigurtà tas-sistemi nnifisha hija soġġetta għal xogħol ta' akkreditament li jikkonsisti fil-verifika tal-konformità tas-sistemi mar-rekwiżiti definiti f'termini ta' sigurtà u li jkun żgurat li r-regoli ta' sigurtà rilevanti li japplikaw għall-Kunsill u għall-Kummissjoni jkunu rrispettati. Bħal kwalunkwe attività ta' akkreditament, l-akkreditament tas-sigurtà taż-żewġ sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita għandu jsir b'mod indipendenti, b'mod partikolari fil-konfront ta' dawk kollha involuti fid-disinn, il-kostruzzjoni u l-isfruttar tagħhom.

L-Aġenzija Ewropea GNSS hija inkarigata minn din l-attività ta' akkreditament b'applikazzjoni kemm tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 kif ukoll dawk tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup>. Dan tal-aħħar jispeċifika l-kundizzjonijiet għat-twettiq tal-missjoni ta' akkreditament f'data f'idejn l-Aġenzija u jipprovdi fost affarijiet oħrajn li d-deċizzjonijiet ta' akkreditament tas-sigurtà jittieħdu b'mod indipendenti mill-Kummissjoni u mill-entitajiet responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programmi. L-obbligu ta' indipendenza japplika wkoll fir-rigward tal-kompiti l-oħrajn assenjati lill-Aġenzija.

Biex ikun żgurat li l-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà jsiru b'mod indipendenti, inkluż sa ċertu punt fir-rigward ta' attivitajiet oħra f'dati lill-Aġenzija Ewropea GNSS, ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 jagħti lill-Aġenzija korp awtonomu, il-bord għall-akkreditament tas-sigurtà, li, flimkien mad-Direttur Eżekuttiv tal-Bord tad-Diretturi, jikkostitwixxi wieħed mit-tliet korpi tal-Aġenzija. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà jinsab fl-istess livell tal-bord tad-Diretturi u huwa biss huwa kompetenti li jieħu d-deċizzjonijiet ta' akkreditament. Dawn

<sup>1</sup> ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

xorta waħda jittieħdu f'isem l-Aġenzija li, fuq livell ġuridiku, tibqa' l-unika entità b'personalità ġuridika.

L-Aġenzija Ewropea GNSS tidher għalhekk bħala struttura b'organizzazzjoni partikolari minħabba li fi ħdan l-Aġenzija hemm distinzjoni bejn l-attivitajiet marbuta mal-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi u l-attivitajiet l-oħrajn tal-Aġenzija, jiġifieri l-ġestjoni taċ-ċentru tas-sigurtà, il-kontribut għat-tnejn tal-kummerċjalizzazzjoni tas-sistemi u l-attivitajiet kollha li l-Kummissjoni tista' tiddelega lill-Aġenzija.

Fit-30 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-esplottazzjoni tas-sistemi Ewropej taradjunavigazzjoni bis-satellita<sup>3</sup>. Dan ir-regolament futur dwar il-GNSS ser jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 mill-1 ta' Jannar 2014 u jistabbilixxi l-qafas għall-governanza tal-programmi matul il-perjodu 2014-2020. Huwa jipprovdi b'mod partikolari li l-parti l-kbira tal-kompiti relatati mal-isfruttar taż-żewġ sistemi Galileo u EGNOS ikunu fdati f'idejn l-Aġenzija Ewropea GNSS. Ix-xewqa espressa mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha li tiddelega dawn il-kompiti lill-Aġenzija hija kondiviża mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill li rrevedew it-test mill-bidu tas-sena 2012. Fis-7 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill adotta approċċ ġenerali parzjali (dokument 11105/12 tal-11 ta' Ġunju 2012) li jikkonferma dan l-approċċ.

Il-kwistjoni tal-futur tal-attivitajiet ta' akkreditament fi ħdan l-Aġenzija għalhekk se tiddetermina dwar jekk l-Aġenzija Ewropea GNSS hux se tkun kapaċi timmaniġġja l-isfruttar taż-żewġ sistemi wara l-2013. Fil-fatt, għal raġunijiet ta' kunflitti ta' interessi potenzjali u l-fatt li wieħed ma jistax ikollu s-setgħa li jieħu deċiżjoni meta jkun hemm interessi personali, il-ħtieġa ta' indipendenza tad-deċiżjonijiet ta' akkreditament tas-sigurtà ma tidhirx li hija faċilment rikonċiljabbli mal-fatt li jittieħdu fi ħdan entità inkarigata fost affarijiet oħrajn mill-isfruttar, anki jekk, kif ġie spjegat hawn fuq, ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' ċerta indipendenza tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà. Fil-proposta dwar ir-regolament futur dwar il-GNSS, il-Kummissjoni, konxja minn din id-diffikultà, ipprovdiet ukoll li l-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi għandu jkun wieħed mill-kompiti tal-Aġenzija "sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2016", data li fiha l-attivitajiet ta' sfruttar jassumu l-portata sħiħa tagħhom. Għalhekk hija ħalliet miftuħa l-kwistjoni dwar x'ser jiġri mill-attivitajiet ta' akkreditament lil hinn minn din id-data li fiha għandha ssir proposta leġiżlattiva ulterjuri.

Matul ir-reviżjoni tat-test mill-membri parlamentari f'diversi kumitati parlamentari, l-approċċ tal-Kummissjoni rigward id-data tat-30 ta' Ġunju 2016 irċieva ħafna appoġġ. Fi ħdan il-Kunsill, l-Istati Membri saħqu fuq il-ħtieġa li tabilħaqq l-attivitajiet ta' akkreditament jsiru b'mod indipendenti u ttamaw li l-kwistjoni tal-futur tal-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi wara l-1 ta' Jannar 2014 tkun solvuta mill-aktar fis possibbli. Barra minn hekk, fis-7 ta' Ġunju 2012, il-Kunsill adotta dikjarazzjoni (dokument 11279/12 ADD 1) li fi h

<sup>3</sup> COM(2011) 814 finali

jikkunsidra li l-attivitajiet ta' akkreditament għandhom ikunu segwiti b'mod strettament indipendenti fil-konfront ta' kompiti oħrajn assenjati lill-Aġenzija Ewropea GNSS, li għandu jkun stabbilit qsim strutturali u effiċjenti għal dan il-għan fi ħdan l-Aġenzija bejn l-attivitajiet differenti tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 u li l-President tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun l-uniku responsabbli fi ħdan l-Aġenzija f'dak li jirrigwarda l-attivitajiet ta' akkreditament. Il-Kunsill għalhekk stieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti proposta ta' emenda tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 f'waqtha dwar dan.

Huwa effettivament importanti li tiġi indirizzata l-kwistjoni futura tal-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita matul il-qafas finanzjarju li ġej tal-2014-2020. Dan jinvolvi l-emenda tar-Regolament (UE) Nru 912/2010.

Bidla fir-Regolament (UE) Nru 912/2010 hija wkoll opportunità sabiex fit-test tar-Regolament jiddaħħlu bidliet li jagħmlu r-Regolament (UE) Nru 912/2010 konformi mal-prinċipji li jinsabu fl-approċċ komuni tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati, li kien approvat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Ġunju 2012.

Fl-aħħar nett, il-proposta dwar ir-regolament futur dwar il-GNSS imsemmija hawn fuq u adottata mill-Kummissjoni fit-30 ta' Novembru 2011, li tipprevedi l-possibbiltà li jiġu estiżi l-kompiti tal-Aġenzija Ewropea GNSS u li tagħtiha kompiti marbuta mal-isfruttar, taffettwa sostanzjalment il-ħtiġijiet tagħha tal-persunal, u għalhekk, għandha konsegwenzi fuq il-baġit futur tagħha. Huwa importanti għaldaqstant li tiġi emendata d-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva assoċjata mar-Regolament (UE) Nru 912/2010.

## **2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-ANALIŻI TAL-IMPATT**

Il-proposta tal-Kummissjoni ma kinitx soġġetta għal analiżi tal-impatt u mhijiex ir-riżultat ta' konsultazzjonijiet formali mal-partijiet interessati.

Minħabba li dawn huma emendi li jallinjaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 mal-prinċipji tal-approċċ interistituzzjonali dwar l-aġenziji deċentralizzati, ma kienx hemm lok ta' analiżi tal-impatt u konsultazzjonijiet formali mal-partijiet interessati minħabba li dan l-approċċ kien preċiżament ir-riżultat ta' konsultazzjonijiet bejn il-Kummissjoni, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.

Fir-rigward tal-bidliet li jikkonċernaw l-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, huwa importanti li wieħed jinnota li l-Istati Membri, li huma ferm involuti fil-kwistjonijiet marbuta mas-sigurtà, huma f'dan il-każ, minbarra l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Aġenzija Ewropea GNSS, il-partijiet interessati ewlenin, saħansitra l-uniċi. Madankollu l-Istati Membri ġew ikkonsultati b'mod wiesa' dwar dan il-punt waqt diskussjonijiet dwar ir-regolament futur dwar il-GNSS fi ħdan il-Kunsill, li esprima

l-pożizzjoni tiegħu fl-istqarrija msemmija hawn fuq tas-7 ta' Ġunju 2012. Barra minn hekk, it-termini tal-iskema li finalment intgħażlet kienu l-fokus ta' diskussjonijiet dettaljati mal-Aġenzija Ewropea GNSS. Fil-każ tal-Parlament Ewropew, li ġie mgħarraf dwar il-proposta tar-regolament futur dwar il-GNSS Ewropea, s'issa għadu ma esprimiex opinjoni partikolari dwar din il-kwistjoni.

Ġew eżaminati ukoll id-diversi soluzzjonijiet li huma possibbli teoretikament għall-akkreditament tas-sistemi ta' sigurtà wara l-2013. Dawn is-soluzzjonijiet huma sitta.

*1) L-akkreditament jiġi fdat lis-settur privat:*

L-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita jaffettwa direttament is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, li jixtiequ ferm li jkunu involuti fil-ħidma u d-deċizzjonijiet ta' akkreditament. Għaldaqstant, il-fatt li dan l-akkreditament ikun fdat lis-settur privat ma jistax jiġi kkunsidrat b'mod serju.

*2) Tinħoloq aġenzija regolatorja ġdida li tiegħu ħsieb l-akkreditament:*

Il-ħolqien ta' aġenzija regolatorja li tiegħu ħsieb l-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej ta' GNSS jista' jidher pass għaqli, iżda jmur kontra x-xewqa komuni minn diversi snin 'l hawn tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni li ma jinħolqux aġenziji regolatorji ġodda. Barra minn hekk, din is-soluzzjoni jkollha spiża sinifikanti, jew sproporzjonata mal-ħtiġijiet attwali tal-qasam. Fil-fatt il-persunal permanenti inkarigat mill-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi jikkonsisti f'madwar għaxar persuni.

*3) L-akkreditament jiġi fdat f'idejn aġenzija regolatorja oħra eżistenti:*

Soluzzjoni alternattiva għall-ħolqien ta' aġenzija ġdida tista' tkun li wieħed jafda l-akkreditament tas-sigurtà lil aġenzija regolatorja oħra eżistenti. Fost id-diversi aġenziji tal-Unjoni, l-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni (AESA) u, sa grad inqas, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biss jidhru a priori li huma kapaċi jiżguraw l-akkreditament tas-sigurtà ta' sistemi kumplessi bħal Galileo u EGNOS.

Madankollu ta' min jinnota li kompitu ta' akkreditament bħal dan ma jagħmilx parti mill-missjonijiet attwali ta' dawn l-aġenziji. Rigward ukoll l-AESA li eventwalment għandha tiegħu ħsieb iċ-ċertifikazzjoni ta' EGNOS, jeżisti kunflitt serju ta' interessi bejn din il-missjoni futura ta' ċertifikazzjoni u l-kompitu eventwali ta' akkreditament tas-sigurtà. Rigward l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża li tiegħu ħsieb prinċipalment il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-armamenti u l-industriji tad-difiża, jekk l-akkreditament tas-sigurtà ta' Galileo u EGNOS tiġi fdata lilha dan jista' jikkontradixxi l-affermazzjoni li dawn iż-żewġ sistemi huma sistemi ċivili taħt kontroll ċivili.

*4) L-akkreditament jiġi fdat f'idejn il-Kummissjoni:*

Fl-2007, matul il-ħidma ta' tħejjija għat-tfassil tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 li riforma l-governanza tal-programmi, kien ġie propost li l-akkreditament tas-sigurtà taż-żewġ sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita tiġi fdata lill-Kummissjoni. Din is-soluzzjoni ġiet abbandunata minħabba li dehret inkompatibbli mar-rekwiżit ta' indipendenza, peress li l-Kummissjoni tamministra, skont dan ir-regolament "l-aspetti kollha relatati mas-sigurtà tas-sistemi". L-istess diffikultà għadha teżisti llum minħabba li r-regolament futur dwar il-GNSS li ser jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 mill-1 ta' Jannar 2014 jipprovdi wkoll li l-Kummissjoni għandha tiżgura s-sigurtà tal-programmi, inkluża s-sigurtà tas-sistemi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom ferm għal qalbhom l-istruttura tal-Bord għall-Akkreditament kif teżisti bħalissa fi ħdan l-Aġenzija Ewropea GNSS u jkun diffiċli, fuq il-livell tad-Diretturi, li wieħed iċaqlaq korp bħal dan fi ħdan is-servizzi tal-Kummissjoni

*5) L-akkreditament jiġi fdat f'idejn il-Kunsill:*

Hemm diversi vantaġġi jekk l-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi Ewropej GNSS jiġi fdat lill-Kunsill. L-ewwel nett il-Kunsill mhuwiex involut fil-ġestjoni tal-programmi u l-indipendenza tiegħu ma tistax tiġi kkontestata. Imbagħad huwa għandu ċerta esperjenza fil-qasam tal-akkreditament ta' sistemi komplessi minħabba li diġa ħa ħsieb l-akkreditament ta' madwar ħamsin sistema għall-ħtiġijiet tiegħu stess. Huwa wkoll l-entità li tinsab fl-aħjar pożizzjoni li tassumi l-konsegwenzi politiċi tad-deċiżjonijiet meħuda dwar l-akkreditament, li jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq l-iżvolġiment tal-programmi f'termini ta' spejjeż u skeda ta' żmien. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri, li jixtiequ li jkunu involuti sew fil-proċess ta' akkreditament, huma naturalment irrappreżentati ħafna aħjar fi ħdan il-Kunsill milli fi kwalunkwe korp ieħor tal-Unjoni.

L-iżvantaġġi tal-implimentazzjoni ta' din is-soluzzjoni madankollu jgħelbu l-benefiċċji. Fil-fatt, il-Kunsill mhuwiex bord ta' ġestjoni u, għalkemm effettivament għandu esperjenza fl-akkreditament ta' diversi sistemi, s'issa dawn kienu biss sistemi interni tal-Kunsill li jiżguraw l-operat tiegħu. Barra minn hekk, it-trasferiment u t-trapjant dirett, fi ħdan l-amministrazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, tal-istruttura li tikkonsisti mill-Bord għall-Akkreditament u l-korpi subordinati tiegħu kif inhi bħalissa, bil-persunal tiegħu li jinkludi aġenti permanenti, joħolqu l-istess diffikultajiet fuq il-livell amministrattiv bħal fil-każ li jsir trasferiment fi ħdan il-Kummissjoni.

*6) Tisħiħ tad-distinzjoni bejn l-attivitajiet fi ħdan l-Aġenzija Ewropea GNSS:*

Dan jinvolvi l-modifikazzjoni tal-organizzazzjoni interna tal-Aġenzija b'tali mod li ma jkunx hemm dubju dwar l-indipendenza tal-attivitajiet ta' akkreditament fir-rigward tal-attivitajiet l-oħrajn imwettqa fi ħdan l-Aġenzija.

Din is-soluzzjoni, li tkompli tissepara l-attivitajiet tal-Aġenzija Ewropea GNSS u ssaħħa l-awtonomija taż-żewġ entitajiet differenti taħt saqaf wieħed legali u istituzzjonali, tiżgura livell

għoli ta' indipendenza fl-eżerċizzju tal-attivitajiet ta' akkreditament, u finalment irriżulta li hija l-orħos waħda, l-iktar waħda sempliċi u l-eħfef waħda biex tiġi implimentata. Barra minn hekk, ġiet irrakkomandata mill-Kunsill fid-dikjarazzjoni tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2012.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

Rigward il-ħtieġa li tiġi żgurata l-indipendenza tal-eżerċizzju tal-attivitajiet relatati mal-akkreditament tas-sistemi u t-tiżiħ, għal dan il-għan, tad-distinzjoni bejn dawn l-attivitajiet u l-attivitajiet l-oħra tal-Aġenzija Ewropea GNSS, il-proposta tippovdi prinċipalment li jiżdiedu s-setgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u dawk tal-President tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà billi tallinjahom parzjalment ma' dawk tal-Bord tad-Diretturi u tad-Direttur Eżekuttiv rispettivament.

Huwa għalhekk mistenni li l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà jħejji u japprova l-parti tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija li tiddekrivi l-attivitajiet operattivi marbuta mal-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi kif ukoll il-parti tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-perspettivi tal-Aġenzija marbuta mal-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi u li jibgħathom fil-ħin lill-bord tad-Diretturi sabiex jiġu integrati fil-programm ta' ħidma u fir-rapport annwali tal-Aġenzija. Għandu wkoll jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq il-president tiegħu.

Il-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, min-naħa tiegħu, għandu, fir-rigward tal-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà, rwol komparabbli ma' dak eżerċitat mid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-attivitajiet l-oħrajn tal-Aġenzija. Minbarra l-funzjoni ta' rappreżentant tal-Aġenzija diġà previst fir-Regolament (UE) Nru 912/2010 fil-forma attwali tiegħu, issa jamministra l-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà taħt id-direzzjoni tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u jiżgura l-implimentazzjoni tal-parti tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija marbuta mal-akkreditament. Jista' wkoll, fuq stedina tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, jippreżenta rapport dwar it-tweġiq tal-missjoni tiegħu u jagħmel dikjarazzjoni quddiem dawn l-istituzzjonijiet.

Rigward l-implimentazzjoni tal-approċċ interistituzzjonali għall-aġenziji deċentralizzati, l-allinjament mal-prinċipji definiti f'dan l-approċċ jaffettwa b'mod partikolari r-regoli ta' adożzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, it-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà kif ukoll dak tal-presidenti tagħhom, l-eżistenza ta' programm ta' ħidma multiannwali, is-setgħat tal-Bord tad-Diretturi f'dak li jirrigwarda l-ġestjoni tal-persunal, il-valutazzjoni u r-reviżjoni tar-regolament, il-prevenzjoni ta' kunflitti ta' interess, u l-ipproċessar ta' informazzjoni sensitiva mhux ikklassifikata.

### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

L-elementi legali tal-proposta msemminja fil-punt 3 hawn fuq fihom infushom m'għandhom l-ebda implikazzjoni baġitarja.

Madankollu, id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva assoċjata mar-Regolament (UE) Nru 912/2010, li takkumpanja l-proposta u li tinkorpora r-rekwiżiti ġodda ta' persunal tal-Aġenzija assoċjata mal-kompiti ġodda li jistgħu jkunu fdati lilha, bħall-isfruttar tas-sistemi Ewropej GNSS, tirrifletti dawn ir-rekwiżiti fuq il-livell finanzjarju. F'termini baġitarji, l-ammonti meħtieġa huma diġà inklużi fil-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju li jmiss tal-2014-2020. Dawn se jrin jiġu ffinanzjati mit-trasferimenti fi ħdan il-linji baġitarji tal-programmi GNSS bħar-rekwiżiti addizzjonali għas-sena 2013. Ta' min jinnota li l-ispejjeż marbuta mal-ħtiġijiet il-ġodda ta' persunal tal-Aġenzija se jiġu kkompensati parzjalment minn tnaqqis ta' 30 post ta' xogħol mit-tabella tal-persunal tal-Kummissjoni matul l-istess perjodu, bejn l-2014 u l-2020. Id-dettalji baġitarji jidhru fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva fl-Anness.

Jeħtieġ fi kwalunkwe każ li jiġi mfakkar li l-figuri msemmija fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva huma soġġetti, minn naħa għall-adozzjoni mill-awtorità baġitarja tal-qafas finanzjarju 2014-2020, u min-naħa l-oħra għall-adozzjoni tar-regolament futur dwar il-GNSS.



Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>4</sup>,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni<sup>5</sup>,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Jirriżulta mid-dispożizzjoni tal-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar implimentazzjoni ulterjuri tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)<sup>6</sup> kif ukoll mill-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 912/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1321/2004 dwar l-istabbiliment ta' strutturi għat-tmexxija tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 683/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup> li l-Aġenzija Ewropea GNSS (minn hawn 'il quddiem l-"Aġenzija") tipprovdi l-akkreditament tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (minn hawn 'il quddiem "is-sistemi") għas-sigurtà u, li għal dan il-għan, hija għandha tibda u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' sigurtà u twettaq verifiki tas-sigurtà.
- (2) Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 912/2010, b'mod partikolari dawk tal-Kapitolu III tar-Regolament, jispjegaw il-kundizzjonijiet li taħthom l-Aġenzija għandha tissodisfa l-missjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi. Huma jipprovdu b'mod partikolari, bħala prinċipju, li d-deċizzjonijiet ta' akkreditament tas-sigurtà jittieħdu b'mod indipendenti mill-Kummissjoni u mill-entitajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej ta'

<sup>4</sup> ĠU C, p. .

<sup>5</sup> ĠU C, p. .

<sup>6</sup> ĠU L 196, 24.7.2008, p. 1.

<sup>7</sup> ĠU L 276, 20.10.2010, p. 11.

radjunavigazzjoni bis-satellita (minn hawn 'il quddiem "il-programmi") u li l-awtorità ta' akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi tikkostitwixxi għalhekk, fi ħdan l-Aġenzija, korp awtonomu li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod indipendenti.

- (3) Skont dan il-prinċipju, ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 jistabbilixxi l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tas-sistemi Ewropej GNSS (minn hawn 'il quddiem "Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà") li, flimkien mal-Bord tad-Diretturi u mad-Direttur Eżekuttiv, jikkostitwixxi wieħed mit-tliet korpi tal-Aġenzija. Dan il-korp iwettaq il-kompiti fdati lill-Aġenzija marbuta mal-akkreditament tas-sigurtà u huwa awtorizzat li, f'isem l-Aġenzija, jieħu d-deċiżjonijiet rigward l-akkreditament tas-sigurtà. Huwa għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu u jaħtar lill-president tiegħu.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru xxx/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni u l-operat tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita<sup>8</sup>, li jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 683/2008 u li ser jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014, jiddefinixxi l-iskema ta' governanza pubblika tal-programmi matul il-perjodu 2014-2020. Huwa jwessa' l-kompiti assenjati lill-Aġenzija u jipprovdi fost affarijiet oħrajn li l-Aġenzija jkollha rwol ewlieni fl-isfruttar tas-sistemi.
- (5) F'dan il-kuntest ġdid, huwa imperattiv li jiġi żgurat li l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà jkun jista' jwettaq il-missjoni fdata lilu b'mod indipendenti, b'mod partikolari fil-konfront ta' korpi u attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija. Għalhekk huwa essenzjali li tkompli s-separazzjoni, fi ħdan l-Aġenzija stess, tal-attivitajiet marbuta mal-akkreditament tal-attivitajiet l-oħra tagħha, bħall-ġestjoni taċ-ċentru tas-sigurtà, il-kontribuzzjoni għall-kummerċjalizzazzjoni tas-sistemi u l-attivitajiet kollha li l-Kummissjoni tista' tafda lill-Aġenzija permezz ta' delega, b'mod partikolari dawk marbuta mal-isfruttar tas-sistemi. Għal dan il-għan, għandu jiġi żviluppat qsim strutturali tanġibbli u effikaċi fi ħdan l-Aġenzija bejn id-diversi attivitajiet tagħha sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014.
- (6) Huwa importanti li biex isir dan jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 l-aktar sabiex jiżdedu l-awtonomija u s-setgħat tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u tal-president tiegħu, u sabiex il-parti l-kbira ta' dawn tal-aħħar jiġu allinjati ma' dawk tal-Bord tad-Diretturi u tad-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija rispettivament, filwaqt li jipprovdi l-obbligu ta' kooperazzjoni bejn il-korpi differenti tal-Aġenzija.
- (7) Rigward il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, huwa dan, u mhux il-Bord tad-Diretturi, li għandu jħejji u japprova l-parti tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija li tiddekrivi l-attivitajiet operattivi marbuta mal-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi kif ukoll il-parti tar-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija marbuta mal-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi u tibgħathom fil-ħin lill-Bord tad-Diretturi sabiex ikunu integrati fil-programm ta' ħidma u fir-rapport annwali tal-Aġenzija. Għandu wkoll jeżerċita awtorità dixxiplinarja fuq il-president tiegħu.
- (8) Rigward il-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, ikun xieraq li jiġi fdat, fir-rigward tal-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà, rwol komparabbli ma' dak eżerċitat mid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-attivitajiet l-oħra tal-Aġenzija. B'hekk,

<sup>8</sup> ĠU L ..., .....2013, p. ... [Jekk jogħġbok innota li, peress li dan ir-Regolament u dak li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali futur għadhom ma' ġewx adottati, l-ambitu tal-kompiti fdati lill-Aġenzija Ewropea GNSS u l-baġits allokati għaldaqstant ma' jistgħux jitqiesu bħala finali]

minbarra l-funzjoni ta' rappreżentant tal-Aġenzija diġà prevista fir-Regolament (UE) Nru 912/2010 kif miktub fit-22 ta' Settembru 2010, il-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jmxexxi l-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà taħt id-direzzjoni tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u jiżgura l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija marbuta mal-akkreditament. Huwa għandu wkoll, fuq stedina tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill, ikun jista' jippreżenta rapport dwar it-tweġġ tal-missjoni tiegħu u jagħmel dikjarazzjoni quddiem dawn l-istituzzjonijiet.

- (9) Barra minn hekk, dejjem sabiex tinżamm l-awtonomija tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interess, ikun utli wkoll, minn naħa, li l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-persunal tal-Aġenzija mqiegħed taħt il-kontroll tiegħu jwettqu xogħolhom f'post li jiggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza tagħhom fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi, u min-naħa l-oħra li r-regoli interni tal-Aġenzija dwar il-persunal jiżguraw l-awtonomija u l-indipendenza tal-persunal li jwettaq attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà fil-konfront tal-persunal li jwettaq l-attivitajiet l-oħra tal-Aġenzija.
- (10) Barra minn hekk, minħabba l-involviment ta' ċerti pajjiżi terzi fil-programmi Ewropej GNSS, inkluż dwar is-sigurtà, jeħtieġ li jkun ipprovdut b'mod espliċitu li rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jistgħu jieħdu sehem, f'kundizzjonijiet li għandhom ikunu definiti, fil-ħidma tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà.
- (11) Barra minn hekk, huwa neċessarju li r-Regolament (UE) Nru 912/2010 jinġieb konformi mal-prinċipji li jinsabu fl-Istrateġija Komuni tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar l-aġenziji deċentralizzati, adottata minn dawn it-tliet istituzzjonijiet rispettivament fil-5 ta' Lulju, fis-26 ta' Ġunju u fit-12 ta' Ġunju 2012, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda r-regoli għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord tad-Diretturi, it-tul tal-kariga tal-membri tal-Bord tad-Diretturi u tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà kif ukoll dik tal-presidenti tagħhom, l-eżistenza ta' programm ta' ħidma multiannwali, is-setgħat tal-Bord tad-Diretturi rigward il-ġestjoni tal-persunal, il-valutazzjoni u r-reviżjoni tar-Regolament, il-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess, u t-trattament tal-informazzjoni sensittiva mhux ikklassifikata.
- (12) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jitħarsu permezz ta' miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, partikolarment permezz tal-prevenzjoni, id-ditezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, it-tweġġ ta' inkjesti, l-irkupru tal-fondi li jintilfu, jitħallsu bi żball jew jintużaw b'mod ħażin u, jekk ikun il-każ, bl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet.
- (13) Fl-aħħar nett, peress li l-Artikolu [8] tar-Regolament (UE) Nru xxx/2013 [regolament futur GNSS] jipprovdni l-possibbiltà għall-Istati Membri li jipprovdni fondi addizzjonali sabiex jiffinanzjaw ċerti elementi tal-programmi, huwa xieraq li l-Aġenzija tkun tista' tagħmel kuntratti konġunti mal-Istati Membri meta dan ikun meħtieġ sabiex twettaq il-missjonijiet tagħha.
- (14) Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 912/2010,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 912/2010 huwa emendat skont kif ġej:

(1) L-Artikolu 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 3*

*Korpi*

1. Il-korpi tal-Aġenzija huma:
    - a) il-bord tad-diretturi,
    - b) id-direttur eżekuttiv,
    - c) il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għas-sistemi tal-GNSS Ewropej
  2. Il-korpi tal-Aġenzija għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom, kif stabbiliti fl-Artikoli 6, 8 u 11 rispettivament, skont il-linji gwida maħruġa mill-Kummissjoni kif stabbilit fl-Artikolu 16 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008.
  3. Il-Bord tad-Diretturi u d-Direttur Eżekuttiv minn naħa, il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għas-sistemi tal-GNSS Ewropej u l-president tiegħu min-naħa l-oħra, għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw il-funzjonament tal-Aġenzija skont il-proċeduri stabbiliti mir-regoli interni tal-Aġenzija, bħar-regoli ta' proċedura tal-Bord tad-Diretturi, ir-regoli ta' proċedura tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija, il-proċeduri għall-implimentazzjoni tal-istatut tal-persunal u r-regoli ta' aċċess għad-dokumenti.”
- (2) L-Artikolu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 4*

*Status ġuridiku, uffiċċji lokali*

1. L-Aġenzija hija korp tal-Unjoni. Hi għandha personalità ġuridika.
2. F'kull Stat Membru, l-Aġenzija għandha l-kapaċità ġuridika l-aktar estensiva mogħtija lil persuni legali mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali B'mod partikolari, tista' takkwista jew teħles minn proprjetà immobbli u trasferibbli u tkun parti fi proċeduri legali.
3. L-Aġenzija tista' tiddeċiedi li tistabbilixxi uffiċċji lokali fl-Istati Membri, soġġett għall-qbil tagħhom, jew fpajjiżi terzi li jipparteċipaw fil-ħidmiet tal-Aġenzija skont l-Artikolu 23.

Id-dispożizzjonijiet li jirrelataw mal-istabbiliment u t-tħaddim tal-Aġenzija fl-Istati Membri u f'pajjiżi terzi ospitanti kif ukoll dawk relatati mal-vantaġġi mogħtija minn dawn tal-aħħar lid-Direttur Eżekuttiv, lill-membri tal-kunsill ta' amministrazzjoni, lill-persunal tal-Aġenzija u lill-membri tal-familji tagħhom huma suġġetti għal arranġamenti partikolari konklużi bejn l-Aġenzija u dawn l-Istati Membri u pajjiżi. L-arranġamenti partikolari huma approvati mill-Bord tad-Diretturi.

L-Istati Membri u l-pajjiżi terzi ospitanti joffru l-aqwa qafas għat-twettiq tajjeb tal-attivitajiet tal-Aġenzija, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda:

- a) l-aċċessibilità tas-siti,
  - b) l-eżistenza ta' infrastrutturi tal-edukazzjoni xierqa għat-tfal tal-membri tal-persunal u tal-esperti nazzjonali sekondati,
  - c) l-aċċess għas-suq tax-xogħol, għas-sistema tas-sigurtà soċjali u għas-sistema tas-saħħa għall-familji tal-membri tal-persunal u tal-esperti nazzjonali sekondati.
4. L-Aġenzija hija rrappreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, suġġett għall-Artikolu 11a(1)(d).”
- (3) L-Artikolu 5 huwa emendat skont kif ġej

- a) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 2 bit-test li ġej:  
« 2. Il-Bord tad-Diretturi għandu jkun kompost:
  - a) minn rappreżentant wieħed maħtur minn kull Stat Membru,
  - b) minn ħames rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni u,
  - c) minn rappreżentant wieħed mingħajr dritt għall-vot maħtur mill-Parlament Ewropew.

It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord tad-Direttur għandu jkun ta' erba' snin, u jista' jiġġedded.

Rappreżentant tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tas-sistemi Ewropej tal-GNSS, rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli għall-affarijiet barranin u l-politika tas-sigurtà (minn hawn 'il quddiem ir-“RGħ”) u rappreżentant tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (minn hawn 'il quddiem “ESA”) għandhom ikunu mistiedna biex jattendu għal-laqgħat tal-Bord tad-Diretturi bħala osservaturi.”;

- b) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 4 bit-test li ġej:  
« 4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jaħtar President u Viċi-President minn fost il-membri tiegħu Il-viċi-president għandu awtomatikament jieħu post il-president meta dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu. Il-mandat tal-President u tal-Viċi-President għandu jkun ta' sentejn, u jista' jiġġedded għal darba, u għandu jiskadi meta ma jibqgħux membri tal-Bord tad-Diretturi.”
- c) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 6 bit-test li ġej:

« 6. Ħlief jekk ikun previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'maġġoranza assoluta tal-membri tiegħu li jkollhom id-dritt tal-vot.

Maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha li jkollhom id-dritt tal-vot hija meħtieġa għall-ħatra tal-president tal-Bord tad-Diretturi u tal-Viċi President, l-adozzjoni tal-baġit u tal-programmi ta' ħidma.”

(4) L-Artikolu 6 huwa sostitwit b'dan li ġejj:

#### *“Artikolu 6*

##### *Kompiti tal-Bord tad-Diretturi*

1. Il-Bord tad-Diretturi għandu jżgura li l-Aġenzija twettaq il-ħidma fdata lilha, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, u għandu jieħu kwalunkwe deċiżjoni meħtieġa għal dan il-għan, bla ħsara għas-setgħat mogħtija lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għall-attivitajiet li jaqgħu taħt il-Kapitolu III.
2. Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi għandu wkoll:
  - a) jadotta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju tal-ewwel sena tal-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-programm ta' ħidma multiannwali tal-Aġenzija għall-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali wara li tkun ġiet inkluża fih il-parti żviluppata mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(b), u wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni;
  - b) jadotta, sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru ta' kull sena, il-programm ta' ħidma tal-Aġenzija għas-sena ta' wara, wara li tkun ġiet inkluża fih il-parti żviluppata mill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(c), u wara li jkun irċieva l-opinjoni tal-Kummissjoni;
  - c) iwettaq id-dmirijiet tiegħu fir-rigward tal-baġit previsti fl-Artikolu 13, il-paragrafi 5, 6, 10 u 11 u l-Artikolu 14, il-paragrafu 5;
  - d) jissorvelja l-isfruttar taċ-ċentru ta' sigurtà ta' Galileo (minn hawn 'il quddiem iċ-“Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo” jew il-“GSMC”) kif imsemmi fl-Artikolu 16(a)(ii) tar-Regolament (KE) Nru 683/2008;
  - e) jadotta l-arranġamenti għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (\*), skont l-Artikolu 21;
  - f) jadotta r-rapport annwali dwar l-attivitajiet u l-prospetti tal-Aġenzija wara li tkun ġiet inkluża fih il-parti żviluppata mill-Bord ta' Akkreditament tas-Sigurtà skont l-Artikolu 11(3)(d), u jibagħtu, sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju, lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-Qorti tal-Awdituri;

- g) jiżgura s-segwitu adegwat tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-valutazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 26, kif ukoll dawk li jirriżultaw mill-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) u tar-rapporti kollha tal-awditjar intern jew estern u jittrasmetti lill-awtorità baġitarja kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar ir-riżultati tal-proċeduri ta' valutazzjoni;
  - h) jiġi kkonsultat mid-Direttur Eżekuttiv dwar il-ftehimiet ta' delegazzjoni li jsiru bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1)(d)] tar-Regolament [*ir-Regolament futur dwar il-GNSS*] qabel ma jiġu ffirmati
  - i) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.
3. Fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, il-Bord tad-Diretturi jeżerċita s-setgħat tal-awtorità li jkollha s-setgħa tal-ħatra u dawk tal-awtorità li tista' tikkonkludi l-kuntratti ta' xogħol, mogħtija mill-istatut tal-uffiċjali tal-Unjoni u r-reġim li japplika għall-aġenti l-oħra rispettivament (is-setgħat tal-awtorità tal-ħatra').

Il-Bord Amministrattiv jadotta skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 2(1), tal-Istatut tal-Persunal u skont l-Artikolu 6 tal-Kundizzjonijiet tal-Impieg għal aġenti oħra, li tiddelega is-setgħat ta' ħatra korrispondenti lid-Direttur Eżekuttiv u tiddefinixxi l-kundizzjonijiet li bihom din id-delegazzjoni tal-kompetenzi tista' tiġi sospiżta. Id-Direttur Eżekuttiv huwa awtorizzat li jissottodelega dawn il-kompetenzi.

Skont is-subparagrafu preċedenti, fil-każ ta' ċirkustanzi eċċezzjonali, il-Bord Amministrattiv jista', permezz ta' deċiżjoni, jissospendi temporanjament id-delegazzjoni tas-setgħat tal-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv u ta' dawk sottodelegati minnu, u jeżerċitahom hu stess jew jiddelegahom lil wieħed mill-membri tiegħu jew lil xi membru tal-persunal ieħor minbarra d-Direttur Eżekuttiv.

Madankollu, b'deroga mit-tieni paragrafu, il-Bord tad-Diretturi għandu jiddelega lill-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà s-setgħat imsemmija fl-ewwel paragrafu f'dak li jirrigwarda r-reklutaġġ, il-valutazzjoni u l-klassifikazzjoni mill-ġdid tal-persunal involut fl-attivitajiet koperti mill-Kapitolu III kif ukoll il-miżuri dixxiplinarji li għandhom jittieħdu kontra tali persunal.

Il-Bord tad-Diretturi għandu jadotta l-miżuri ta' implimentazzjoni tar-Regolament tal-Persunal tal-Uffiċjali tal-Unjoni u l-kundizzjonijiet applikabbli għall-aġenti l-oħrajn skont il-proċedura prevista mill-Artikolu 110 tar-Regolament tal-Persunal. F'dak li jirrigwarda r-reklutaġġ, l-evalwazzjoni, ir-rikklassifikazzjoni tal-persunal involut fl-attivitajiet koperti mill-Kapitolu III u l-miżuri dixxiplinari li għandhom jittieħdu fil-konfront tiegħu, għandu qabel jitqiesu l-osservazzjonijiet tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà.

Għandu jadotta wkoll il-miżuri relatati mal-issekondar tal-esperti nazzjonali koperti mill-Artikolu 15(b), wara l-konsultazzjoni mal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u jittieħed kont xieraq tal-osservazzjonijiet tiegħu.

4. Il-Bord tad-Diretturi għandu jaħtar id-Direttur Eżekuttiv u jista' jestendi jew itemm il-mandat tiegħu skont l-Artikolu 15c(4). Huwa jeżerċita l-awtorità dixxiplinarja fuq id-Direttur Eżekuttiv.

---

(\*) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.”

(5) L-Artikolu 7 huwa sostitwit b’dan li ġejj:

*“Artikolu 7*

*Direttur Eżekuttiv*

L-Aġenzija għandha tiġi amministrata mid-Direttur Eżekuttiv tagħha, li għandu jwettaq dmirijietu taħt is-sorveljanza tal-Bord tad-Diretturi, bla ħsara għas-setgħat mogħtija mill-Artikolu 11 u l-Artikolu 11(a) lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u lill-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà rispettivament.

(6) L-Artikolu 8 huwa emendat skont kif ġejj:

*“Artikolu 8*

*Kompiti tad-Direttur Eżekuttiv*

Id-Direttur Eżekuttiv iwettaq il-kompiti li ġejjin:

- (1) huwa responsabbli għar-rappreżentanza tal-Aġenzija, minbarra l-attivitajiet u tad-deċiżjonijiet relatati mal-Kapitoli II u III, u għandu r-responsabbiltà tal-ġestjoni tagħha; jiffirma l-ftehimiet ta’ delegazzjoni li jsiru bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1)(d)] tar-Regolament [*ir-Regolament futur dwar il-GNSS*];
- (2) jipprepara x-xogħol tal-Bord tad-Diretturi u jipparteċipa, mingħajr id-dritt tal-vot, fix-xogħol tal-Bord tad-Diretturi.
- (3) huwa responsabbli għall-implimentazzjoni tal-programmi ta’ ħidma tal-Aġenzija taħt il-kontroll tal-Bord tad-Diretturi minbarra l-parti tal-programmi koperti mill-Kapitolu III;”
- (4) jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, b’mod partikolari l-adozzjoni ta’ istruzzjonijiet amministrattivi interni u l-pubblikazzjoni ta’ avviżi, biex jiżgura l-funzjonament tal-Aġenzija skont dan ir-Regolament;
- (5) jistabilixxi abbozz tad-dħul pproġettat u l-ħruġ tal-Aġenzija, skont l-Artikolu 13, u jimplementa l-baġit skont l-Artikolu 14;
- (6) iħejji kull sena, filwaqt li jikkunsidra l-osservazzjonijiet tal-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà f’dak li jirrigwarda l-attivitajiet koperti mill-Kapitolu III, abbozz ta’ rapport ġenerali kull sena u jippreżentah lill-Bord tad-Diretturi;
- (7) jiżgura li l-Aġenzija, bħala l-operatur tal-GSSB, tkun kapaċi taġixxi skont l-istruzzjonijiet mogħtija skont l-Azzjoni Konġunta 2004/552/PESK;
- (8) jiddefinixxi l-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija u jippreżentaha għall-approvazzjoni tal-Bord tad-Diretturi;



- (9) jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija, is-setgħat koperti mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(3), sal-punt li dawn is-setgħat jistgħu jiġu ddelegati lillu skont it-tieni subparagrafu tal-istess paragrafu u mingħajr preġudizzju għat-tielet u r-raba' subparagrafi;
- (10) jista' jadotta, bil-qbil tal-Bord tad-Diretturi, l-miżuri meħtieġa biex jistabbilixxi l-uffiċċji lokali fl-Istati Membri, skont l-Artikolu 4;
- (11) jiżgura li l-Bord ta' Akkreditament tas-Sigurtà u l-korpi maħluqa taħt l-awtorità tiegħu msemmija fl-Artikolu 11(11), ikollhom segretarjat u r-riżorsi kollha meħtieġa għat-tħaddim tajjeb tagħhom;
- (12) jipprepara pjan ta' azzjoni biex jiżgura s-segwitu tal-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjoni tal-evalwazzjoni mwettqa, u jippreżenta rapport darbtejn fis-sena dwar il-progress li jkun sar lill-Kummissjoni;
- (13) jieħu l-miżuri li ġejjin għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni:
- i) jieħu miżuri ta' prevenzjoni kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività oħra illegali kif ukoll permezz ta' miżuri effikaċi ta' kontroll;
- ii) fejn jinstabu l-irregolaritajiet, għandu jipproċedi biex jirkupra s-somom li tħallu b'mod ħażin u, kif xieraq, japplika s-sanzjonijiet amministrattivi u finanzjarji effikaċi, proporzjonati u diżważivi.
- (14) ifassal strateġija kontra l-frodi għall-Aġenzija u jibgħatha lill-Bord tad-Diretturi għall-approvazzjoni.”
- (7) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 8(a) li ġej:

*“Artikolu 8(a)*

*Programmi ta' ħidma u rapport annwali*

1. Il-programm pluriennali tal-Aġenzija msemmi fl-Artikolu 6(2)(a), jipprovdi l-azzjonijiet li l-Aġenzija għandha twettaq matul il-perjodu kopert mill-qafas finanzjarju pluriennali previst fl-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-azzjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-komunikazzjoni li tagħhom hija responsabbli. Dan il-programm għandu jiddetermina r-riżorsi umani u finanzjarji allokatu għal kull attività. Għandu jqis ir-riżultat tal-evalwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 26.
2. Fuq il-bażi tal-programm ta' ħidma multiannwali, il-programm ta' ħidma annwali msemmi fl-Artikolu 6(2)(b), jipprovdi l-azzjonijiet li l-Aġenzija għandha twettaq matul is-sena ta' wara, inklużi l-azzjonijiet marbuta mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-komunikazzjoni li minnhom hija responsabbli. Dan il-programm għandu jiddetermina r-riżorsi umani u finanzjarji allokatu għal kull attività. Għall-finijiet ta' informazzjoni għandu jinkludi l-kompiti li l-Kummissjoni, skont il-każ, tiddelega lill-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1)(d)] tar-Regolament (ir-Regolament futur dwar il-GNSS).

3. Ir-rapport ġenerali annwali msemmi fl-Artikolu 8(f), għandu jirreferi għall-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija.”

(8) Fl-Artikolu 10, il-punt (g) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“g) l-awtorità tal-akkreditament tas-sigurtà għas-sistemi tal-GNSS Ewropej għandha tkun, fi ħdan l-Aġenzija, korp awtonomu li jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu b'mod strettament indipendenti, inkluż fil-konfront tal-Kummissjoni u entitajiet oħrajn responsabbli mill-implimentazzjoni tal-programmi, kif ukoll fil-konfront tad-Direttur Eżekuttiv u l-Bord tad-Diretturi tal-Aġenzija;”

(9) L-Artikolu 11 huwa emendat skont kif ġej:

a) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 3 bit-test li ġej:

« 3. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jwettaq il-kompiti li ġejjin:

a) ix-xogħol ta' akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi li jikkonsisti fil-verifika tal-konformità tas-sistemi mar-rekwiżiti ta' sigurtà msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 683/2008 u r-rispett tar-regoli ta' sigurtà rilevanti applikabbli għall-Kunsill u l-Kummissjoni;

b) jipprepara u japprova l-parti tal-programm ta' ħidma multiannwali msemmija fl-Artikolu 8(a)(1), dwar l-attivitajiet operattivi taħt dan il-Kapitolu u dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għat-twettiq tagħhom, u jibgħatha fil-ħin lill-Bord tad-Diretturi biex tkun integrata fl-imsemmi programm ta' ħidma multiannwali;

c) jipprepara u japprova l-parti tal-programm ta' ħidma annwali msemmija fl-Artikolu 8(a)(2), dwar l-attivitajiet operattivi taħt dan il-Kapitolu u dwar ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għat-twettiq tagħhom, u jibgħatha fil-ħin lill-Bord tad-Diretturi biex tkun integrata fl-imsemmi programm ta' ħidma;

d) jipprepara u japprova l-parti tar-rapport annwali msemmi fl-Artikolu 6(2)(f), li jirrigwarda l-attivitajiet u l-perspettivi tal-Aġenzija taħt dan il-Kapitolu kif ukoll ir-riżorsi finanzjarji u umani meħtieġa għat-twettiq tagħhom, u jibgħatha fil-ħin lill-Bord tad-Diretturi biex tkun integrata fl-imsemmi rapport;

e) jeżerċita l-awtorità dixxiplinari fuq il-president tiegħu;

f) jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.”

b) Il-paragrafi 7 u 8 huma sostitwiti b'dan li ġej:

« 7. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru, rappreżentant wieħed mill-Kummissjoni u ieħor mir-Rappreżenat Għoli. It-tul tal-mandat tal-membri tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa ta' erba' snin, li jistgħu jiġġeddu. Għandu jiġi mistieden rappreżentant tal-ESA biex jattendi l-laqgħat tal-Bord

għall-Akkreditament tas-Sigurtà bħala osservatur. Jekk ikun il-każ, il-parteċipazzjoni ta' rappreżentanti ta' pajjiżi terzi kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' din il-parteċipazzjoni għandhom ikunu stabbiliti skont l-arranġamenti msemmija fl-Artikolu 23.

8. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jaħtar president u viċi-president fost il-membri tiegħu b' maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri kollha li għandhom id-dritt tal-vot. Il-viċi-president għandu awtomatikament jieħu post il-president meta dan ma jkunx jista' jaqdi dmirijietu.

Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà huwa intitolat li jirrevoka l-president u l-viċi-president. Huwa għandu jieħu d-deċiżjoni ta' revoka b' maġġoranza ta' żewġ terzi.

Il-mandat tal-president u tal-viċi-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkun ta' sentejn, u jkun jista' jiġġedded darba. Il-mandat jintemm meta l-president jew il-viċi-president ma jibqax membru tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà.”

c) Il-paragrafu 9 huwa mħassar;

d) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 10 bit-test li ġej:

« 10. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jkollu aċċess għar-riżorsi umani u materjali kollha meħtieġa biex jipprovdi funzjonijiet ta' appoġġ amministrattiv xieraq u biex ikun jista', flimkien mal-korpi msemmija fil-paragrafu 11, iwettaq il-kompiti tiegħu b'mod indipendenti, b'mod partikolari meta jittratta fajls, jagħti bidu għal u jissorvelja l-implimentazzjoni ta' proċeduri tas-sigurtà u jwettaq verifiki tas-sigurtà ta' sistema, iħejji deċiżjonijiet u jorganizza l-laqgħat tiegħu. Għandu jkollu wkoll aċċess għal kull informazzjoni utli għat-tweqqif tal-kompiti tiegħu u li jkollha l-Aġenzija, bla ħsara għall-prinċipji ta' awtonomija u ta' indipendenza msemmija fl-Artikolu 10(g).”

e) Għandu jiżdied il-paragrafu 17 li ġej:

« 17. Il-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà u l-persunal tal-Aġenzija li jkun taħt il-kontroll tiegħu għandhom iwettqu x-xogħol tagħhom b'mod li jggarantixxi l-awtonomija u l-indipendenza fil-konfront ta' attivitajiet oħrajn tal-Aġenzija, b'mod partikolari fil-konfront tal-attivitajiet operattivi marbuta mal-isfruttar tas-sistemi.”

(10) L-Artikolu 11(a) li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 11:

*“Artikolu 11(a)*

*Kompiti tal-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà*

1. Il-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandu jeżerċita l-kompiti li ġejjin:

- a) imexxi l-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà taħt id-direzzjoni tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà;
- b) jiżgura l-implimentazzjoni tal-parti tal-programmi ta' ħidma tal-Aġenzija li jaqgħu taħt dan il-Kapitolu taħt il-kontroll tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà;
- c) jikkoopera mad-Direttur Eżekuttiv sabiex jgħinu jħejji l-abbozz tal-pjan ta' stabbiliment imsemmi fl-Artikolu 13(3);
- d) jirrappreżenta lill-Aġenzija fl-attivitajiet u d-deċiżjonijiet rilevanti skont dan il-Kapitolu;
- e) jeżerċita, fir-rigward tal-persunal tal-Aġenzija involut fl-attivitajiet li jaqgħu taħt dan il-Kapitolu is-setgħat previsti mill-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 6(3) li huma ddelegati lilu skont ir-raba' subparagrafu tal-istess paragrafu.

2. Il-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-sigurtà jista' jiġi mistieden mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill sabiex jippreżenta rapport dwar it-tweġiq tal-missjoni tiegħu u jagħmel dikjarazzjoni quddiem dawn l-istituzzjonijiet.”

(11) L-Artikolu 13 huwa emendat skont kif ġej:

a) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 3 bit-test li ġej:

« 3. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jfassal, b'konsultazzjoni mill-qrib mal-president tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għall-attivitajiet taħt il-Kapitolu III, abbozz ta' dikjarazzjoni tal-estimi ta' dħul u nfiq tal-Aġenzija għas-sena suċċessiva u għandu jibagħtu lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, flimkien ma' abbozz ta' pjan ta' stabbiliment.”

b) Għandu jiġi sostitwit il-paragrafu 5 bit-test li ġej:

« 5. Kull sena l-Bord tad-Diretturi, abbażi tal-abbozz tal-istimi ta' dħul u nfiq u f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għall-attivitajiet taħt il-Kapitolu III, għandu jipproduċi dikjarazzjoni tal-estimi ta' dħul u nfiq għall-Aġenzija għas-sena finanzjarja suċċessiva.”

(12) Fl-Artikolu 14, il-paragrafu 10 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“Il-Parlament Ewropew, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata, għandu, qabel it-30 ta' April tas-sena N + 2, jagħti kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena N; minbarra għal dik il-parti tal-implimentazzjoni tal-baġit li tkopri kompiti li huma, skont il-każ, fdati lill-Aġenzija skont l-Artikolu [15(1)(d)] tar-Regolament [*ir-Regolament futur dwar il-GNSS*], li għalihom tapplika l-proċedura msemmija fl-Artikoli 164 u 165 tar-Regolament (UE, EURATOM) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-Kunsill.

---

(\*) ĠU L 292, 26.10.2012, p. 1.”

(13) Wara l-Kapitolu IV għandu jiddaħħal il-Kapitolu IV li ġej:

*“KAPITOLU IVa*

*RIŻORSI UMANI*

*Artikolu 15(a)*

*Persunal*

1. L-Istatut tal-Uffiċjali tal-Unjoni, il-kundizzjonijiet ta' impjeg tal-aġenti oħra u r-regoli adottati konġuntament mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dawk ir-Regolamenti tal-Persunal u l-kundizzjonijiet ta' impjeg, għandhom japplikaw għall-persunal impjegat mill-Aġenzija.
2. Ir-regoli interni tal-Aġenzija, bħar-regoli ta' proċedura tal-Bord tad-Diretturi, ir-regoli ta' proċedura tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà, ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-Aġenzija, ir-regoli ta' implimentazzjoni tal-istatut tal-persunal u t-termini ta' aċċess għad-dokumenti, għandhom jiggarrantixxu l-awtonomija u l-indipendenza tal-persunal li jeżerċita l-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà fil-konfront tal-persunal li jeżerċita l-attivitajiet l-oħrajn tal-Aġenzija, skont l-Artikolu 10(g).

*Artikolu 15(b)*

*Nominazzjoni u mandat tad-Direttur Eżekuttiv*

1. Id-Direttur Eżekuttiv jiġi impjegat bħala aġent temporanju tal-Aġenzija b'mod konformi mal-Artikolu 2(a) tar-reġim applikabbli għall-aġenti l-oħra.
2. Id-Direttur Eżekuttiv huwa maħtur mill-Bord tad-Diretturi fuq il-bażi tal-mertu tiegħu u tal-ħiliet iċċertifikati tiegħu fil-qasam tal-amministrazzjoni u l-ġestjoni, kif ukoll tal-kompetenzi u l-esperjenza tiegħu fl-oqsma kkonċernati, fuq il-bażi ta' lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni wara akkwist pubbliku miftuħ u trasparenti, wara sejħa għall-espressjoni ta' interess li tidher f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u, f'pubblikazzjonijiet oħra.

Għall-konklużjoni tal-kuntratt tad-direttur eżekuttiv, il-president tal-Bord tad-Diretturi għandu jirrappreżenta l-Aġenzija.

Il-Bord tad-Diretturi għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu għall-ħatra tad-Direttur Eżekuttiv b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.

3. Il-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandu jkun ta' ħames snin. Fit-tmiem tal-mandat tiegħu, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni tal-prestazzjonijiet tad-Direttur Eżekuttiv u l-kompiti u l-isfidi futuri tal-Aġenzija.

Fuq proposta tal-Kummissjoni li tqis l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Bord tad-Diretturi jista' jestendi l-mandat tad-Direttur Eżekuttiv darba biss għal ħames snin jew inqas.

Id-deċiżjoni ta' estensjoni tal-mandat tad-Direttur Eżekuttiv għandha tiġi adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.

Direttur Eżekuttiv li l-mandat tiegħu ikun ġie estiż ma jistax jipparteċipa fi proċedura tal-għażla għall-istess post wara li tkun ħarġet l-estensjoni tal-mandat tiegħu.

4. Il-Bord tad-Diretturi jista' jirrevoka lid-Direttur Eżekuttiv, fuq proposta tal-Kummissjoni, permezz ta' deċiżjoni adottata b'maġġoranza ta' żewġ terzi tal-membri tiegħu.
5. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jistieden lid-Direttur Eżekuttiv biex jippreżenta rapport dwar it-tweġġiq tal-kompiti tiegħu u biex jagħmel dikjarazzjoni quddiem dawn l-istituzzjonijiet.

#### *Artikolu 15(c)*

##### *Esperti nazzjonali sekondati*

L-Aġenzija tista' wkoll tagħmel użu mill-esperti nazzjonali sekondati. Dawn l-esperti għandu jkollhom l-approvazzjonijiet tas-sigurtà xierqa."

- (14) L-Artikolu 16 huwa emendat skont kif ġej:

#### *"Artikolu 16*

##### *Ġlieda kontra l-frodi*

1. Għall-finijiet tal-ġlieda kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħrajn, ir-Regolament Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) (\*) japplika mingħajr restrizzjonijiet. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha taderixxi mal-Ftehim interistituzzjonali tal-25 ta' Mejju 1999 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-investigazzjonijiet interni mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (\*\*) u għandha tadotta d-dispożizzjonijiet xierqa applikabbli għall-persunal tal-Aġenzija u għall-esperti nazzjonali sekondati bid-deċiżjoni mudell fl-Anness tal-ftehim imsemmi hawn fuq.
2. Il-Qorti tal-Awdituri għandu jkollha s-setgħa li timmonitorja lill-benefiċjarji tal-finanzjament tal-Aġenzija kif ukoll lill-kuntratturi u s-subkontratturi li jkunu rċevew fondi mill-Unjoni permezz tal-Aġenzija, abbażi tad-dokumenti pprovdu liha jew spezzjonijiet fuq il-post.
3. Fir-rigward tal-għotjiet ifffinanzjati jew tal-kuntratti mogħtija mill-Aġenzija, l-OLAF jista' jwettaq investigazzjonijiet, inklużi verifiki u spezzjonijiet fuq il-post, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 u tar-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 (\*\*\*), sabiex jiġġieled kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kontra l-attivitajiet illegali kollha l-oħra li jagħmlu l-ħsara lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

4. Bla ħsara għall-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni konklużi mill-Aġenzija ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, kuntratti u ftehimiet tal-għotjiet konklużi mill-Aġenzija ma' partijiet terzi, u kull deċiżjoni ta' finanzjament li tittieħed mill-Aġenzija għandhom jipprovdu b'mod espliċitu l-fatt li l-Qorti tal-Awdituri u l-OLAF jistgħu iwettqu verifiki u investigazzjonijiet skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom.

---

(\*) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

(\*\*) ĠU L 136, 31.5.1999, p. 15.

(\*\*\*) ĠU L 298, 15.11.1996, p. 2.”

- (15) L-Artikolu 17 huwa sostitwit mit-test li ġej:

*“Artikolu 17*

*Privileġġi u immunitajiet*

Il-Protokoll 7 dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea għandhom japplikaw għall-Aġenzija u l-persunal tagħha.”

- (16) L-Artikolu 18 huwa mħassar;

- (17) L-Artikolu 22 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 22*

*Regoli ta' sigurtà dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata jew sensittiva*

L-Aġenzija tapplika r-regoli dwar is-sigurtà tal-Kummissjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata tal-Unjoni li tinstab fl-Anness tad-Deċiżjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom tal-Kummissjoni tad-29 ta' Novembru 2001 li temenda r-Regoli Interni tal-Proċedura (\*). Hija għandha tapplikahom ukoll għall-informazzjoni sensittiva mhux klassifikata. B'mod partikolari, huma kkonċernati d-dispożizzjonijiet għall-iskambju, it-trattament u l-ħżin ta' din l-informazzjoni.

---

(\*) ĠU L 317, 3.12.2001, p. 1.”

- (18) L-Artikolu 22(a) li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 22:

*“Artikolu 22(a)*

*Kunflitt ta' interessi*

1. Id-Direttur Eżekuttiv kif ukoll l-uffiċjali ssekondati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fuq bażi temporanja għandhom jagħmlu dikjarazzjoni ta' impenn u dikjarazzjoni ta' interessi li tindika n-nuqqas ta' kwalunkwe interess dirett jew indirett li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom. Dawn id-

dikjarazzjonijiet għandhom isiru bil-miktub meta jibdew id-dmirijiet tagħhom u jiġġeddu f'każ li tinbidel iċ-ċirkostanza personali tagħhom.

2. L-esperti esterni li jipparteċipaw fil-gruppi ta' ħidma ad hoc għandhom jiddikjaraw bil-miktub qabel kull laqgħa li jattendu, kwalunkwe interess li jista' jitqies li jippreġudika l-indipendenza tagħhom fir-rigward tal-punti fuq l-aġenda.
  3. Il-Bord tad-Diretturi u l-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà għandhom jistabbilixxu politika li tippermetti li jiġu evitati l-kunflitti ta' interess.”
- (19) L-Artikolu 23(a) li ġej għandu jiddaħħal wara l-Artikolu 23:

*“Artikolu 23(a)*

*Akkwist pubbliku konġunt mal-Istati Membri*

Fit-twettiq tal-kompiti tagħha, l-Aġenzija hija awtorizzata tagħti kuntratti b'mod konġunt mal-Istati Membri skont il-modalitajiet previsti mir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (\*).

---

(\*) ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.”

- (20) L-Artikolu 26 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 26*

*Evalwazzjoni u reviżjoni ta' dan ir-Regolament*

1. Sa mhux aktar tard mill-2016, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tagħmel evalwazzjoni tal-Aġenzija li jikkonċerna, b'mod partikolari, l-impatt tagħha, l-effikaċja tagħha, it-tħaddim tajjeb tagħha, il-metodi ta' ħidma tagħha, il-ħtiġijiet tagħha u l-użu tar-riżorsi fdati lilha. Din l-evalwazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari eżami ta' bidla possibbli fil-kompiti tal-Aġenzija u tal-impatt finanzjarju ta' bidla b'hal din.
2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni kif ukoll il-konklużjonijiet tagħha dwar il-kontenut ta' dan ir-rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Bord tad-Diretturi u lill-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà tal-Aġenzija. Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għandhom ikunu ppubblikati.
3. Evalwazzjoni minn kull tnejn għandha tinkludi analiżi tal-bilanċ tal-Aġenzija fir-rigward tal-għanijiet u l-kompiti tagħha. Jekk il-Kummissjoni tqis li ż-żamma tal-Aġenzija ma għadhiex ġustifikata fir-rigward tal-għanijiet u l-missjonijiet li ġew assenjati lilha, il-Kummissjoni tista' tipproponi li jitħassar dan ir-Regolament.”



*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-[għoxrin] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## **ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**

### **1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva
- 1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva
- 1.4. L-għan(ijiet)
- 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva
- 1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju
- 1.7. Il-metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)

### **2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI**

- 2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar
- 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll
- 2.3. Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

### **3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA**

- 3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. L-istima tal-impatt fuq in-nefqa
  - 3.2.1. *Is-sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
  - 3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet [tal-Aġenzija]*
  - 3.2.3. *L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani [tal-Aġenzija]*
  - 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
  - 3.2.5. *Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*
- 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul
- 3.4. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Kummissjoni

## ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

### 1. IL-QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 1.1. It-titlu tal-proposta/inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 912/2010 tat-22 ta' Settembru 2010 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea GNSS– emenda tad-dikjarazzjoni finanzjarja

#### 1.2. Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB<sup>9</sup>

Il-qasam/l-oqsma ta' politika kkonċernat(i): l-Intrapriża u l-Industrija

Kapitolu 02 05: PROGRAMM TA' RADJUNAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GALILEO U EGNOS)

#### 1.3. In-natura tal-proposta/inizjattiva

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni ġdida**

Il-proposta/inizjattiva hija marbuta **ma' azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**<sup>10</sup>

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

Il-proposta/inizjattiva tirrigwarda **azzjoni li terġa' tiġi indirizzata għal azzjoni ġdida**

#### 1.4. L-għan(ijiet)

##### 1.4.1. *L-għan(ijiet) strateġiku/ċi multiannwali tal-Kummissjoni mmirat/i mill-proposta/inizjattiva*

L-appoġġ għall-preżenza Ewropea fl-ispazju u l-iżvilupp tas-servizzi marbuta mas-satelliti

Il-programmi ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (minn hawn 'il quddiem il-“programmi”) huma proġetti ewlenin tal-Unjoni. Huma għandhom l-għan li jipprovdu servizzi ta' radjunavigazzjoni u se jrin jiġġeneraw żviluppi kunsiderevoli f'diversi setturi ta' attività, ikunu fatturi ta' innovazzjoni teknoloġika u ta' tkabbir tal-kompetittività tal-ekonomija Ewropea, kif ukoll sors ta' impjiegi ġodda, dħul kummerċjali u benefiċċji soċjoekonomiċi. Huma għalhekk jaqgħu taħt il-qafas tal-istrateġija Ewropa 2020 u l-politiki tal-iżvilupp sostenibbli.

B'mod aktar speċifiku, il-programm Galileo għandu l-għan li jistabbilixxi s-sistema dinjija ta' navigazzjoni bis-satellita tal-Ewropa (minn hawn 'il quddiem il-“GNSS”). Huwa ser jipprovdi lill-utenti fid-dinja kollha servizzi ta' pożizzjonament, ta' sinkronizzazzjoni u ta' navigazzjoni għal firxa wiesgħa ta' applikazzjonijiet, mit-trasport u l-likwidazzjoni ta' titoli finanzjarji, sal-provvista tal-elettriku, it-tbassir tat-temp u l-pedaġġ tat-toroq.

<sup>9</sup> ABM: (Activity-Based Management) Ġestjoni Bbażata fuq l-Attività–ABB: (Activity-Based Budgeting) Baġit Ibbażat fuq l-Attività.

<sup>10</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 49(6)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

EGNOS huwa sistema Ewropea maħsuba sabiex ittejjeb il-prestazzjoni tal-GPS Amerikan fiż-żona Ewropea. Huwa jippermetti l-użu tas-servizzi eżistenti ta' navigazzjoni bis-satellita għal applikazzjonijiet kritiċi f'termini ta' sigurtà bħall-pilotaġġ u l-inżul ta' ajruplan jew il-qsim ta' kanal fuq dgħajsa, biex insemmu flit eżempji fil-qasam tal-avjazzjoni u dak marittimu.

Fuq il-bażi tal-istruttura ta' governanza ppreżentata mill-Kummissjoni fil-proposta tagħha għal regolament dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita<sup>11</sup> kif ukoll l-istruttura ta' governanza appoġġjata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, fl-approċċ ġenerali parzjali tiegħu adottat fis-7 ta' Ġunju 2012, l-Aġenzija Ewropea GNSS (minn hawn 'il quddiem l-“Aġenzija” sejra ssir attur ewlieni fil-fażi tal-operat tas-sistemi.

Madankollu, peress li r-Regolament dwar l-implimentazzjoni u l-esplorazzjoni tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (minn hawn 'il quddiem “Regolament GNSS”) qed jiġi diskuss mill-koleġiżlatur u għadu ma ġiex adottat, u huwa suġġett għad-deċiżjoni finali dwar il-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss, ċerti suppożizzjonijiet li jstabbilixxu din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva jistgħu jinbidlu.

#### 1.4.2. *L-għan(ijiet) speċifiku/ċi u l-attività(jiet) tal-ABM/ABB ikkonċernati*

Minħabba l-involvement akbar tal-Aġenzija fil-fażi tal-isfruttar tal-programmi, din il-proposta għandha l-għan li ssaħħaħ l-indipendenza tal-Bord għall-Akkreditament tas-Sigurtà (wieħed mit-tliet korpi tal-Aġenzija) u li tiżgura l-provvista ta' riżorsi umani u finanzjarji adegwati sabiex l-Aġenzija tkun tista' twettaq il-kompiti fdati lilha.

##### **1. Akkreditament tas-sigurtà:**

Minħabba l-importanza strateġika tagħhom, is-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi essenzjali. Dawn jistgħu jintużaw b'mod ħażin, li jista' jhedded is-sigurtà tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Barra minn hekk, kwalunkwe interruzzjoni tas-servizzi tagħhom jista' jirriżulta f'telf kbir għall-ekonomija Ewropea, peress li aktar u aktar setturi ekonomiċi saru jiddependu fuq in-navigazzjoni bis-satellita.

Sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tas-sistemi, għandha ssir akkreditament tas-sigurtà indipendenti u din hija vitali għas-sistemi. Akkreditament bħal din tigarantixxi li l-miżuri ta' sigurtà jkunu biżżejjed sabiex jiproteġu lis-sistema minn theddid u vulnerabbiltajiet, li s-sistema nnifisha ma tkunx esposta għal riskji mhux aċċettabbli sakemm iddum taħdem u li tkun tista' tipproċessa, taħżen u titrasferixxi informazzjoni sensitiva jew ikklassifikata mingħajr riskji mhux aċċettabbli, skont kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti.

Peress li l-Aġenzija sejra tkompli tipparteċipa fl-implimentazzjoni tal-programmi fil-qafas tal-istruttura l-għdida ta' governanza, is-separazzjoni bejn l-attivitajiet marbuta mal-akkreditament tas-sigurtà u l-attivitajiet l-oħrajn għandha tkun imsaħħa sabiex jiġi evitat kunflitt ta' interessi bejn iż-żewġ tipi ta' attivitajiet u tinżamm l-indipendenza tal-akkreditament tas-sigurtà.

##### **2. Żvilupp tas-suq u tal-applikazzjonijiet:**

<sup>11</sup> COM(2011) 814 finali

L-Aġenzija għandha tikkontribwixxi għall-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi Galileo u EGNOS sabiex tiffaċilita l-adozzjoni tagħhom mis-suq. Fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi, dan l-aħħar aspekk huwa importanti ħafna għall-immassimizzar tal-benefiċċji soċjoekonomiċi mistennija mis-sistemi.

### **3. L-isfruttar ta' Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo ('Galileo Security Monitoring Centres') u l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet PRS:**

L-Aġenzija sejra tkun responsabbli mill-isfruttar tal-GSMC ('Galileo Security Monitoring Centre' - Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo).

Il-GSMC huwa meqjus bħala l-“moħħ” tas-sistema Galileo f'dak li jirrigwarda s-sigurtà kollha tagħha. Dan huwa ċentru operattiv essenzjali għas-sistema. Dan għandu jkollu l-kapaċità li janalizza u jiġġielek kontra theddid jew attakki varji. Għaldaqstant dan għandu jibda jaħdem qabel ma s-servizzi ta' Galileo jkunu implimentati u operattivi; għandu jitħaddem 24 siegħa kuljum, sebat ijiem fil-ġimgħa minn esperti kkwalifikati. Huwa bbażat f'żewġ postijiet li jinsabu f'Saint-Germain-en-Laye fi Franza, u fi Swanwick fir-Renju Unit.

### **4. L-isfruttar tas-sistemi:**

L-għan tal-isfruttar tas-sistemi huwa li jipprovdu servizzi ta' kwalità għolja sabiex iwiegħu għall-ħtiġijiet tal-utenti u li jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex l-adozzjoni ta' dawn is-servizzi tkun usa' u mgħaġġla kemm jista' jkun. Strutturazzjoni xierqa tal-isfruttar hija essenzjali sabiex ikun żgurat il-funzjonament fuq żmien twil tas-sistemi u l-immassimizzar tal-benefiċċji soċjoekonomiċi.

Il-qafas ta' governanza għandu jkun adattat għall-programmi differenti (Galileo u EGNOS) sal-punt fejn dawn ikunu fi stadju differenti ta' żvilupp. Għandu jkun adattat ukoll għall-fażijiet li fihom jinsabu l-programmi sabiex jiġu eliminati r-riskji ta' interruzzjoni tal-provvista tas-servizzi. Filwaqt li EGNOS huwa diġà operattiv u fil-fażi ta' sfruttar tiegħu, Galileo ser jidħol dalwaqt fi stadju kruċjali tal-iżvilupp tiegħu bil-provvista ta' servizzi li sejra timmarka l-bidu tal-fażi operattiva tiegħu.

Fir-rigward ta' EGNOS,

- il-fażi ta' sfruttar tiegħu bdiet f'Ottubru 2009;

- attwalment il-Kummissjoni hija inkarigata mill-ġestjoni tal-isfruttar ta' EGNOS. Din ir-responsabbiltà sejra tgħaddi f'idejn l-Aġenzija fl-1 ta' Jannar 2014, b'introduzzjoni gradwali ppjanata fl-2012;

- fil-qafas ta' governanza l-ġdid propost (mill-2014), l-Aġenzija serja tmexxi l-attivitajiet kollha marbuta mal-isfruttar ta' EGNOS u sejra testernalizza ċerti kompiti operattivi lil korpi oħrajn, b'mod partikolari l-operatur tas-sistema EGNOS.

Fir-rigward ta' Galileo,

- fażijiet differenti tal-programm sejrjn jikkoinċidu matul is-snin li ġejjin;

- matul il-fażi kostituttiva, li għaddejja bħalissa, l-organizzazzjoni attwali sejra tkompli tiżgura l-kontinwità u l-konsistenza ta' din il-fażi. Għalhekk, il-Kummissjoni sejra tibqa' responsabbli għat-tlestija tal-infrastruttura tal-programm;

- waqt il-fażi tal-isfruttar, li għandha tibda fl-2014 bil-provvista tal-ewwel servizzi, l-Aġenzija sejra gradwalment tkun iddelegata l-ġestjoni tal-attivitajiet marbuta ma' din il-fażi ta' operat fil-qafas ta' ftehim ta' delegazzjoni mal-Kummissjoni. L-Aġenzija sejra tkun inkarigata mill-koordinazzjoni tal-kompiti kollha marbuta mal-isfruttar tas-sistema, bħall-manutenzjoni, il-kompiti meħtieġa għall-iżgurar tal-funzjonament tajjeb tas-sistema, il-provvista tas-servizzi u l-implimentazzjoni tal-ġenerazzjonijiet futuri tas-sistemi. Hija għandha wkoll tikkontribwixxi għad-definizzjoni tal-ħtiġijiet tas-sistemi futuri billi tipprovdri rispons dwar l-iżvilupp tal-ħtiġijiet operattivi u tal-ħtiġijiet tal-utenti. Din il-fażi tal-isfruttar hija fażi ġdida għall-programm u t-tmexxija tiegħu sejra ssir fil-qafas ta' delegazzjoni ta' ġestjoni tal-programm tal-Kummissjoni lill-Aġenzija.

Biex twestaq dawn il-kompiti marbuta mal-isfruttar tas-sistemi, l-Aġenzija għandu jkollha biżżejjed impjegati. Barra minn hekk, sabiex tiżgura l-kontinwità tas-servizzi u bidu tajjeb tal-fażi tal-isfruttar ta' Galileo fl-2014, huwa essenzjali li jiġu stabbiliti l-perjodi ta' tranżizzjoni meħtieġa qabel l-2014.

#### Għan speċifiku

L-iżvilupp u l-provvista ta' infrastruttura u servizzi bbażati fuq ir-radjunavigazzjoni bis-satellita (Galileo)

#### L-attività(jiet) ABM/ABB ikkonċernati

02 05 PROGRAMM TA' RADJUNAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GALILEO U EGNOS)

#### 1.4.3. Ir-riżultat(i) u l-impatt(i) mistennija

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/popolazzjoni fil-mira.*

Il-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita tnedew aktar minn għaxar snin ilu bl-ambizzjoni politika li tiġi żviluppata u mħaddma sistema li tkopri lid-dinja kollha u li tippermetti lill-Unjoni Ewropea tikseb minnha vantaġġi strateġiċi u ekonomiċi u tipprovdi servizzi ta' radjunavigazzjoni bis-satellita perfettament adattati għall-użu ċivili.

Galileo u EGNOS għandhom jiksbu vantaġġi soċjoekonomiċi kbar għall-Unjoni Ewropea minħabba:

i) il-vantaġġi diretti li jirriżultaw mit-tkabbir tas-suq tal-GNSS downstream (riċevituri u applikazzjonijiet). Pereżempju, jekk aktar ajruplani jkunu mgħammra b'riċevituri GNSS, il-manifatturi ta' dawn ir-riċevituri se jrin jibbenefikaw minn dħul addizzjonali;

ii) il-vantaġġi indiretti li jirriżultaw mill-ħolqien ta' applikazzjonijiet ġodda. Jekk il-ħin tat-titjiriet jonqos minħabba navigazzjoni aħjar, l-ajruplani se jrin iniġġsu inqas u l-passiġġieri jiffrankaw ħin prezzjuż. Barra minn hekk, mezzi ta' trasport aktar siguri u servizzi ta' emerġenza aktar effikaċi jwasslu sabiex jissalvaw aktar ħajjiet;

iii) il-vantaġġi diretti li jirriżultaw mit-tkabbir tas-suq upstream u l-impatti teknoloġiċi fuq setturi oħrajn. L-investimenti li jsiru fis-segment tal-GNSS upstream se jrin ikunu ta' benefiċċju għall-industrija. Madankollu, setturi oħrajn se jrin jibbenefikaw ukoll mill-iżviluppi ġodda fl-industrija spazjali. Pereżempju, l-istrumenti maħsuba sabiex jevalwaw u jimmonitorjaw is-saħħa strutturali tar-rokits jew tat-tankijiet jistgħu jintużaw fl-impriżi tas-settur tal-karozzi, tal-kostruzzjoni u tal-enerġija u fl-impriżi tas-servizz pubbliku.

Anki jekk is-sistema stabbilita mill-programm Galileo sejra tkun awtonoma, is-servizzi tagħha se jrin ikunu ottimizzati minħabba l-interoperabbiltà tagħha ma' sistemi oħrajn bħall-GPS Amerikan jew il-GLONASS Russu. Għalhekk, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra li jipprovdu servizzi ta' navigazzjoni bis-satellita ttejjeb il-vantaġġi għall-utenti, iċ-ċittadini jew l-ekonomija inġenerali.

Bil-ġestjoni tal-isfruttar tas-sistemi ta' akkreditament tas-sigurtà, l-Aġenzija sejra tkun il-pedament tal-provvista tas-servizzi. Hija sejra tkun ukoll attur ewlieni li jinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' suq downstream. Għaldaqstant, il-prestazzjoni tal-Aġenzija sejra jkollha impatt dirett fuq il-benefiċċji soċjoekonomiċi mistennija minn dawn is-sistemi.

#### 1.4.4. Indikaturi ta' riżultati u impatti

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

L-indikaturi li jippermettu l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-Aġenzija għandhom ikunu stabbiliti skont it-tip ta' attività, kif indikat hawn taħt:

##### **1. Akkreditament taS-sigurtà:**

L-Aġenzija għandha tiżgura li l-attivitajiet ta' akkreditament tas-sigurtà jsiru fil-ħin għal kull stadju tal-programm Galileo (pereżempju biex ikun jista' jsir kull varar tas-satellita). L-

implimentazzjoni għandha tkun ivvalutata fuq il-bażi tal-kontribut tagħha għas-suċċess tal-iskjerament tal-infrastruttura u tan-numru ta' verifiki/kontrolli ta' sigurtà li jsiru kull sena.

Dawn il-verifiki u l-kontrolli jikkonsistu f'eżami tekniku dettaljat minn jew għall-awtorità xierqa, jew ir-rappreżentanti kompetenti magħżula tagħha, tal-aspetti li jirrigwardaw is-sigurtà tas-sistemi, ta' prodott ta' kriptografija jew tal-informatika marbut mas-sigurtà. L-evalwazzjoni għandha tikkonferma l-preżenza tal-funzjonalitajiet tas-sigurtà meħtieġa u tivvaluta n-nuqqas ta' korruttibilità ta' dawn il-funzjonalitajiet. L-evalwazzjoni għandha tiddetermina l-grad li bih ir-rekwiżiti ta' sigurtà tas-sistema kienu ssodisfati u tistabbilixxi l-grad ta' affidabilità tas-sistema.

L-għadd ta' verifiki/kontrolli li jsiru għandu jkun marbut mal-attività u mal-iskjerament ta' stazzjonijiet terrestri.

Huwa stmat li għandhom isiru madwar 10 kontrolli kull sena bejn l-2013 u l-2015, imbagħad madwar ħames kontrolli kull sena bejn l-2016 u l-2020.

## **2. Żvilupp tas-suq u tal-applikazzjonijiet:**

L-attivitajiet tal-Aġenzija b'rabta mal-kummerċjalizzazzjoni tas-servizzi sejrini ikunu vvalutati fuq il-bażi tal-adozzjoni mis-suq tas-servizzi pprovduti minn EGNOS u Galileo permezz ta' indikaturi speċifiċi li għandhom jiġu żviluppati għas-servizzi ladarba jsiru operattivi, bħall-għadd ta' ajruporti li jkollhom proċeduri ta' avviċinament ibbażati fuq EGNOS, l-għadd ta' tratturi mgħammra b'riċevituri EGNOS jew l-istima tal-benefiċċji soċjoekonomiċi totali li jirriżultaw mis-sistemi.

Sal-lum, 82 ajruport żviluppaw proċeduri ta' avviċinament permezz tas-sistema EGNOS. L-għan għall-2020 huwa li 50 % tal-ajruporti adattati u li għalihom l-użu ta' EGNOS ikun rilevanti jkunu żviluppaw proċeduri bħal dawn.

## **3. L-isfruttar taċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo ('Galileo Security Monitoring Centres') u l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet PRS:**

Il-grad ta' prestazzjoni ta' dawn l-attivitajiet jista' jitkejjel mill-għadd ta' proċeduri operattivi stabbiliti. L-għan huwa li jkun hemm 500 proċedura fl-2016. Sal-lum, minħabba li ċ-ċentri mhumiex operattivi, dawn il-proċeduri għadhom ma ġewx stabbiliti.

## **4. L-isfruttar tas-sistemi:**

Skont il-proposta tar-Regolament dwar l-istabbiliment u l-operat tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, l-attivitajiet marbuta mal-isfruttar tas-sistemi sejrini ikunu bbażati fuq ftehim ta' delegazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Aġenzija. Dan il-ftehim ta' delegazzjoni ser jippreżenta fid-dettall l-indikaturi operattivi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' dawn l-attivitajiet, kif inhu l-każ bħalissa b'EGNOS.



## 1.5. Ir-raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

### 1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq medda qasira jew twila ta' żmien*

Minħabba ċ-ċifri attwali dwar l-iżvilupp tal-Aġenzija, mhuwiex possibbli li jitwettqu l-kompiti ġodda previsti fil-proposta tar-Regolament dwar l-istabbiliment u l-isfruttar tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-parti tal-“operat”. Għaldaqstant huwa xieraq li tiġi riveduta d-dikjarazzjoni finanzjarja sabiex tkun adattata għar-realtà tal-ħtiġijiet ta' persunal tal-Aġenzija.

Barra minn hekk, għandu jiġi nnutat li l-implimentazzjoni tal-mudell ta' governanza propost jeħtieġ li l-Aġenzija jkollha l-persunal tekniku u operattiv xieraq b'livell għoli ta' kompetenza f'qasam ferm speċjalizzat. L-istruttura organizzattiva tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata wkoll fuq l-attivitajiet speċifiċi li jkollha twettaq.

Anki jekk l-Aġenzija ma twettaqx l-attivitajiet kollha internament u testernalizza għadd kbir ta' kompiti marbuta mal-provvista tas-servizzi u mal-iżvilupp ta' bidliet kbar u ta' ġenerazzjonijiet ġodda ta' sistemi, hija għandu jkollha l-esperti tekniċi xierqa sabiex jamministraw l-akkwisti li jkunu meħtieġa, jikkontrollaw l-attivitajiet esternalizzati u jħejju rapporti ta' kwalità għolja għall-Kummissjoni. Minħabba l-komplessità tal-programmi, huwa daqstant importanti li jiġi evitat kwalunkwe “riskju intellettuali” li jista' jipprevjeni l-kisba, il-komunikazzjoni, l-isfruttar u l-applikazzjoni tajba ta' informazzjoni essenzjali għas-suċċess tal-operazzjonijiet u b'hekk ikun ta' theddida għall-funzjonament armonjuż, razzjonali u effettiv tal-programmi.

Il-finanzjament ta' dan il-persunal addizzjonali għandu jkun ipprovdut minn riallokazzjoni fi ħdan il-linji baġitarji tal-programmi GNSS.

### 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-intervent tal-UE*

Id-dritt tal-UE li taġixxi huwa bbażat fuq l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fuq ir-Regolament dwar il-GNSS.

Is-sistemi maħluqa fil-qafas tal-programmi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita huma infrastrutturi stabbiliti bħala netwerks trans-Ewropej li l-użu tagħhom jestendi sew lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, is-servizzi offruti permezz ta' dawn is-sistemi jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-iżvilupp ta' netwerks trans-Ewropej fl-oqsma tal-infrastrutturi tat-trasport, tat-telekomunikazzjonijiet u tal-enerġija.

Stat Membru waħdu ma jistax jistabbilixxi sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita għaliex dan jaqbeż il-kapaċitajiet finanzjarji u tekniċi tiegħu. Għaldaqstant, azzjoni fil-livell tal-UE biss tista' tasal biex tikseb dan.

### 1.5.3. *Tagħlimiet miksuba minn esperjenzi simili fil-passat*

Mhux applikabbli.

1.5.4. *Il-koerenza u s-sinerġija possibbli ma' strumenti rilevanti oħrajn*

Hemm il-possibbiltà ta' sinerġiji ma' programmi spazjali oħrajn eżistenti jew futuri, pereżempju għall-espansjoni tas-segmenti tal-utenti (applikazzjonijiet għas-suq downstream).

Għandhom jinstabu wkoll sinerġiji mad-direttorati l-oħrajn tal-Kummissjoni Ewropea f'dak li jirrigwarda r-riċerka u l-innovazzjoni. L-applikazzjonijiet u t-teknoloġiji li jużaw is-sistemi ta' navigazzjoni bis-satellita jistgħu jkollhom impatt fuq diversi setturi tal-ekonomija u tas-soċjetà, bħat-trasport, l-enerġija, is-servizzi ta' lokazzjoni, is-servizzi bankarji, l-agrikoltura, eċċ. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-programmi ta' riċerka u innovazzjoni jkunu kkordinati fil-livell tal-Kummissjoni sabiex timmassimizza l-benefiċċji soċjoekonomiċi mistennija mill-programmi involuti f'dawn is-setturi ta' attività.

Barra minn hekk, jeħtieġ li tissaħħaħ il-kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka. Il-programmi jistgħu jibbenefikaw mill-għarfien xjentifiku u tekniku tiegħu kif ukoll mill-faċilitajiet ta' ttestjar u ta' kejl ultramoderni għall-attivitajiet marbuta mas-sigurtà tas-sistemi GNSS u mal-iżvilupp ta' applikazzjonijiet GNSS.

**1.6. It-tul ta' żmien u l-impatt finanzjarju**

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien limitat**

–  Proposta/inizjattiva fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

–  L-impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

Proposta/inizjattiva ta' **tul ta' żmien mhux limitat**

– Implimentazzjoni b'perjodu b'ritmu aċċellerat mill-2014 sal-2016,

– imbagħad operat b'ritmu stabbli.

## 1.7. Il-metodu(i) ta' ġestjoni previst(i)<sup>12</sup>

**Ġestjoni ċentralizzata indiretta** bid-delega tal-kompiti tal-implimentazzjoni lil:

- aġenziji eżekuttivi
- korpi stabbiliti mill-Unjoni Ewropea<sup>13</sup>
- korpi mis-settur pubbliku nazzjonali/korpi b' missjoni ta' servizz pubbliku
- persuni inkarigati mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u identifikati fl-att bażiku rilevanti skont it-tifsira tal-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju

**Ġestjoni konġunta** ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (*li għandhom jiġu speċifikati*)

*Jekk tindika aktar minn metodu wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprova dettalji fit-taqsim "Kummenti".*

### Kummenti

Il-qafas ta' governanza attwali nholq għall-fażi tad-disinn u l-użu ta' Galileo kif ukoll għall-isfruttar inizjali ta' EGNOS, jiġifieri għall-perjodu 2008-2013. Dan il-qafas jeħtieġ li jiġi rivedut fid-dawl tal-fatt li l-fażi ta' mobilizzazzjoni ta' Galileo sejra testendi lil hinn mill-2013 u li fażi ġdida tal-programm għandha tibda fl-2014, bil-provvista tas-servizzi inizjali. Għandha tiġi ddefinita wkoll il-governanza EGNOS peress li s-sistema daħlet fil-fażi operattiva tagħha. Il-proposta ta' Regolament dwar il-GNSS, li bħalissa qiegħda tiġi diskussa quddiem il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għandha l-għan li tiddefinixxi l-qafas ta' governanza tal-programmi f'dan il-kuntest ġdid.

Kif kien speċifikat fil-proposta għar-Regolament dwar il-GNSS, jeħtieġ li jiġi ddefinit qafas ta' governanza stabbli, sostenibbli u fit-tul. Dan il-qafas għandu jottimizza u jissimplifika l-użu tal-istrutturi eżistenti u għandu jiżgura tranżizzjoni bla xkiel bejn il-fażi ta' skjerament u l-fażi ta' sfruttar filwaqt li jiżgura l-kontinwazzjoni tas-servizzi.

<sup>12</sup> Id-dettalji dwar il-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BudgWeb: [http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag\\_en.html](http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html)

<sup>13</sup> Kif imsemmi fl-Artikolu 185 tar-Regolament Finanzjarju.

## 2. IL-MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Ir-regoli tal-monitoraġġ u r-rappurtar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet.*

Fil-qafas tal-kompiti tagħha stess, l-Aġenzija sejra tapplika d-dispożizzjonijiet għall-monitoraġġ u r-rappurtar stabbiliti fl-approċċ komuni għall-aġenziji deċentralizzati adottat mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill. Għalhekk l-Aġenzija sejra tipproponi:

- qafas strateġiku (programm ta' ħidma multiannwali) li jinkludi l-azzjonijiet ewlenin, baġit stmat u skeda meħtieġa għall-kisba tal-oġġettivi tagħha sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2014;
- programm ta' ħidma annwali li jirrifletti l-qafas strateġiku ta' miżuri u indikaturi dettaljati li għandhom ikunu proposti sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru tas-sena preċedenti;
- rapport annwali li jivvaluta l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma annwali.

Barra minn hekk, kull ħames snin, il-prestazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ivvalutata fir-rigward tal-għanijiet u l-missjoni tagħha. Il-leġittimità tagħha għandha tkun ivvalutata mill-ġdid ukoll kull għaxar snin.

Minbarra dawn il-miżuri standard, għall-kompiti ddelegati lilha, l-Aġenzija għandha tiżgura li l-kuntratti u l-ftehimiet kollha konklużi fil-qafas tal-programmi Galileo u EGNOS jipprovdu s-sorveljanza u l-kontroll finanzjarju. Fil-kuntest tal-mekkaniżmi kollha ta' monitoraġġ u evalwazzjoni, għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-kontroll tal-ispejjeż tal-programmi bil-provvista skont l-iskeda stabbilita.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni, fl-eżerċizzju tas-setgħat ta' superviżjoni politika tal-programmi Galileo u EGNOS, għandha ssaħħaħ il-mekkaniżmi ta' kontroll u ta' evalwazzjoni billi titlob pjanijiet ta' ġestjoni annwali dettaljati u rapporti ta' implimentazzjoni, kif ukoll billi torganizza laqgħat regolari dwar l-istatus tal-progress tal-programmi u billi twettaq verifiki finanzjarji u teknoloġiċi.

Fl-aħħar nett, fil-qafas tal-ġestjoni ta' kuljum, l-Aġenzija għandha timplimenta mekkaniżmu ta' ġestjoni tar-riskji u għandha tuża l-ġhodod ta' ġestjoni xierqa sabiex tikkontrolla l-ispejjeż marbuta mal-programmi fuq il-bażi ta' stima aħjar tal-ispejjeż, billi tagħmel valutazzjoni tal-esperjenzi tal-passat u tal-implimentazzjoni attwali tas-sistema.

### 2.2. Is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

#### 2.2.1. Ir-riskju(i) identifikat(i)

L-Aġenzija sejra tkun responsabbli għall-attivitajiet kruċjali għas-sistemi, is-sigurtà tagħhom u l-adozzjoni tagħhom mis-suq.

Jekk hija ma jkollhiex l-istruttura organizzativa u l-persunal xieraq sabiex tagħmel dawn l-attivitajiet, il-programmi kollha jkunu f'riskju.

Ir-riskji ewlenin identifikati huma dawn:

- Riskji tas-suq: l-adozzjoni mis-suq tas-servizzi proposti mis-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita tiddependi minn żewġ fatturi ewlenin: il-kwalità tas-servizzi offruti u l-propensità tas-suq li jadotta dawn is-servizzi ġodda. Prestazzjoni teknika inferjuri għal dik imwiegħda jkollha effetti negattiv fuq l-utenti tad-dinja kollha u twassal sabiex l-infrastrutturi ma jintużawx. Għaldaqstant huwa essenzjali li l-isfruttar tas-sistemi jkun wieħed effikaċi. Barra minn hekk, jeħtieġ li tkun żgurata d-disponibbiltà ta' riċetturi affidabbli għas-servizzi kollha li għandhom jiġu offruti minn Galileo, b'mod partikolari għas-“servizz pubbliku rregolat” (PRS), u li l-utenti jiġu informati dwar is-servizzi fornuti minn Galileo u EGNOS sabiex tkun immassimizzata l-adozzjoni mis-suq u, għalhekk, il-benefiċċji soċjoekonomiċi mistennija minn dawn is-sistemi.
- Riskji teknoloġiċi: ir-radjunavigazzjoni bis-satellita teħtieġ teknoloġiji avvanzati li l-validazzjoni tagħhom għadha trid issir u li l-ispeċifikazzjonijiet tagħhom jevolvu kostantament. Proċessi effettivi għandhom jiġu stabbiliti biex jiżguraw li l-bidliet u l-ġenerazzjonijiet ġodda ta' sistemi jkunu bbażati fuq l-aħħar bżonnijiet tal-utenti u fuq it-teknoloġiji l-aktar effiċjenti. L-Aġenzija għandu jkollha riżorsi adegwati sabiex timplimenta dawn il-proċessi u tipprovi l-informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni sabiex din tkun tista' tiddetermina l-prijoritajiet f'dak li jirigwarda l-evoluzzjoni tal-missjoni.
- Riskji industrijali: l-istabbiliment tal-infrastruttura jinvolvi għadd ta' atturi industrijali f'ħafna pajjiżi; ix-xogħol tagħhom għandu jkun ikkordinat b'mod effiċjenti biex jinkisbu sistemi affidabbli u għal kollox integrati, partikolarment fir-rigward tas-sigurtà. Jekk ma jkunx hemm koordinazzjoni effettiva tal-programmi, in-nuqqas ta' riżorsi fi ħdan l-Aġenzija jista' jirriżulta f'dewmien u spejjeż addizzjonali.
- Riskji ta' sigurtà: l-Aġenzija għandha tiżgura li s-sigurtà tas-sistemi tkun żgurata b'mod effiċjenti sabiex tiżgura s-sigurtà tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- Riskju ta' governanza: il-governanza tal-programmi tirrikjedi li diversi entitajiet jaħdmu flimkien; għalhekk huwa importanti li tiġi żgurata stabbiltà u organizzazzjoni xierqa. L-Aġenzija għandha rwol importanti fl-isfruttar tal-programmi u, għalhekk, l-inabbiltà tagħha biex topera b'mod effettiv tirrappreżenta riskju kbir ta' governanza.

#### 2.2.2. *Il-metod(i) ta' kontroll previst(i)*

Il-kontijiet tal-Aġenzija għandhom ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Qorti tal-Awdituri u għall-proċedura ta' kwittanza. Is-Servizz ta' Verifika Interna tal-Kummissjoni għandu jkun l-awditur intern tal-Aġenzija. Barra minn hekk, l-Aġenzija qiegħda taħdem fuq iċ-ċertifikazzjoni ta' kwalità u sigurtà għall-proċessi ewlenin tagħha li għandha tiġi applikata mill-2014.

#### 2.3. **Il-miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet**

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni jew protezzjoni eżistenti jew dawk previsti.*

L-Aġenzija għandha tkun soġġetta għall-kontroll tal-Uffiċċju ta' Kontra l-Frodi.

### 3. L-ISTIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

#### 3.1. L-intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji tal-baġit tan-nefqa eżistenti

*Fl-ordni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.*

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	AD/AMD <sup>(14)</sup>	minn pajjiżi tal-EFTA <sup>15</sup>	minn pajjiżi kandidati <sup>16</sup>	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
1	02.0502.01 Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) – Titoli 1 u 2	AD	IVA	LE	LE	LE
	02.0502.02 Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) – Titolu 3					

- Linji baġitarji ġodda mitluba

*Fl-ordni skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji tal-baġit.*

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru [Deskrizzjoni.....]	AD/AMD	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 18(1)(aa) tar-Regolament Finanzjarju
	L-ebda linja ġdida baġitarja ma hija meħtieġa					

<sup>14</sup> AD = Appropriazzjonijiet differenzjati / AMD = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

<sup>15</sup> EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

<sup>16</sup> Il-pajjiżi kandidati u, meta applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Punent tal-Balkani.

### 3.2. L-istima tal-impatt fuq in-nefqa

Qabel ma wieħed jidħol fid-dettalji tad-deskrizzjoni tal-impatt stmat ta' din il-proposta, huwa importanti li wieħed jinnota li din l-istima hija provviżorja f'dan l-istadju minħabba li hija soġġetta għall-adozzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss 2014-2020<sup>17</sup> mill-Awtorità tal-baġit.

Barra minn hekk, ċerti suppożizzjonijiet li jsiru sabiex titħejja din id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva jistgħu jinbidlu. Il-qafas ta' governanza tal-programmi u l-kompiti tal-Aġenzija taħtu, mhumiex definiti f'din il-proposta leġiżlattiva iżda fir-Regolament GNSS, li qed ikun diskuss fil-Parlament Ewropew u fil-Kunsill. Il-ħtieġa għal persunal addizzjonali tal-Aġenzija hija konsegwenza tal-kompiti ġodda mogħtija lill-Aġenzija fil-proposta għal regolament dwar il-GNSS.

Għalhekk, il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li timmodifika l-proposta tagħha fil-każ ta' bidliet sinifikanti fl-iffinanzjar jew fil-qafas ta' governanza propost fit-test tar-Regolament futur dwar il-GNSS. Għalhekk, jekk l-awtorità baġitarja tiddeċiedi li tnaqqas drastikament il-baġit allokat għall-programmi, il-kompiti u l-persunal allokat lill-Aġenzija għandhom ikunu evalwati mill-ġdid. Bl-istess mod, jekk l-awtorità baġitarja tiddeċiedi li talloka kompiti addizzjonali lill-Aġenzija, il-ħtieġa tal-persunal ikollha tiġi evalwata mill-ġdid. Per eżempju, l-abbozz ta' rapport tal-Parlament Ewropew dwar ir-Regolament dwar l-implimentazzjoni u l-esplojtazzjoni tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita<sup>18</sup> (rapporteur: is-Sur Marinescu) jipprevedi li l-Aġenzija tkun inkarigata mit-tmexxija ta' "ċentri ta' eċċellenza" li jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-applikazzjonijiet GNSS, u dan minbarra l-attivitajiet addizzjonali li l-Kummissjoni kienet allokat fil-proposta tagħha għal Regolament dwar il-GNSS.

---

<sup>17</sup> "Baġit għall-Istrateġija Ewropa 2020", COM(2011)500

<sup>18</sup> PE489.561v02-00

3.2.1. Is-sinteżi tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

<b>L-intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:</b>	<b>Numru</b>	Intestatura 1 – Tkabbir intelliġenti u inklużiv
--	--------------	---

[Korp]: <.....>			2013 <sup>19</sup> <sub>20</sub>	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL 2014-2020
Linja baġitarja 02.050201 Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) – Titoli 1 u 2	Impenji	(1)	11,087 <sub>21</sub>	18,632	21,495	22,710	22,272	24,623	24,497	25,239	<b>159,468</b>
	Ħlasijiet	(2)	11,087	18,632	21,495	22,710	22,272	24,623	24,497	25,239	<b>159,468</b>
Linja baġitarja 02.050202 Aġenzija Ewropea GNSS (GSA) – Titolu 3	Impenji	(1a)	2,363	6,550	6,150	6,100	6,150	6,800	6,800	6,300	<b>44,85</b>
	Ħlasijiet	(2a)	2,363	6,550	6,150	6,100	6,150	6,800	6,800	6,300	<b>44,85</b>
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-GSA</b>	Impenji	=1+1a -3a	13,450	25,182	27,645	28,810	28,422	31,423	31,297	31,539	<b>204,318</b>
	Ħlasijiet	=2+2a -3b	13,450	25,182	27,645	28,810	28,422	31,423	31,297	31,539	<b>204,318</b>

<sup>19</sup> Dan l-ammont ivarja mill-baġit allokati lill-Aġenzija għas-sena 2013 minħabba li jikkunsidra l-finanzjament ta' 20 post addizzjonali fl-2013 bir-riallokazzjoni tal-programmi GNSS. Il-Kummissjoni se tippreżenta proposta matul is-sena 2013 lill-Awtorità Baġitarja.

<sup>20</sup> Ma' dan l-ammont għandu jiżdied ir-rimbors tal-bilanċ tar-riżultat (0,709) u l-kontribuzzjoni tal-pajjiżi terzi (0,325). Għalhekk it-total tal-appropriazzjonijiet disponibbli jammontaw għal 14,484 għas-sena 2013.

<sup>21</sup> Dan l-ammont jinkludi 1.75 għall-finanzjament ta' 20 post supplimentari fl-2013. L-istima użata tikkonsisti f'6 xhur ta' paga għas-sena 2013 minħabba ż-żmien meħud għar-reklutaġġ ta' 20 post għdid.



Il-baġit tal-Aġenzija għall-2014-2020 diġà ġie inkluż fil-proposta tal-Kummissjoni għall-MFF il-ġdid 2014-2020. Il-kompiti ġodda u l-ispejjeż assoċjati se jrin jġu ffinanzjati permezz ta' riallokazzjoni fi ħdan il-programm GNSS kif kien oriġinarjament maħsub għas-snin 2013 sa 2020. L-impatt se jkun kif ġej u ser jammonta għal EUR 117.1 miljun.

Linja Baġitarja 02.0501 Programmi Ewropew ta' radjunavigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo)	Impenji	(3a)	-1,750	-13,482	-15,645	-16,610	-16,022	-18,723	-18,297	-18,339	-117,118
	Ħlasijiet	(3b)	-1,750	-13,482	-15,645	-16,610	-16,022	-18,723	-18,297	-18,339	-117,118

TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-GSA fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali	Impenji	=1+1a +3a		11,700	12,000	12,200	12,400	12,700	13,000	13,200	87,200
	Ħlasijiet	=2+2a +3b		11,700	12,000	12,200	12,400	12,700	13,000	13,200	87,200

<b>L-intestatura tal-qafas finanzjarju multiannwali:</b>	<b>5</b>	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
DĠ: <.....>							
• Riżorsi umani							0
• Nefqa amministrattiva oħra							0
<b>TOTAL DĠ &lt;.....&gt;</b>	Appropriazzjonijiet						0

<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet</b>	(Total tal-impenji)						
--------------------------------------	---------------------	--	--	--	--	--	--

<b>għall-INTESTATURA 5</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	= Total tal-pagamenti)								
---	------------------------	--	--	--	--	--	--	--	--

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

		Sena N <sup>22</sup>	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	daħħal kemm-il sena hemm bżonn biex turi t-tul ta' żmien tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
<b>TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-INTESTATURI 1 sa 5</b> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji								<b>0</b>
	Ħlasijiet								<b>0</b>

<sup>22</sup> Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-appropjazzjonijiet tal-Aġenzija GSA – analiżi skont l-għan u l-intestatura

Appropjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa 3 figuri deċimali)

Indika l-għanijiet u r- riżultati			Sena 2013		Sena 2014		Sena 2015		Sena 2016		Sena 2017		Sena 2018		Sena 2019		Sena 2020	
	RIŻULTATI (outputs)																	
	Tip	Spiża medja	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali	Nru	Spiża totali
Għan Nru 1 - Akkreditament tas-sigurtà GNSS																		
Titoli 1 u 2			2,123		2,749		2,804		2,762		2,637		2,878		2,845		2,912	
Titolu 3			1,043		1,400		1,400		1,400		1,400		1,400		1,400		1,400	
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 1			3,166		4,149		4,204		4,162		4,037		4,278		4,245		4,312	
Għan Nru 2 - L-iżvilupp tas-suq u l-applikazzjonijiet, inkluża ċ-ċertifikazzjoni tal-kwalità u l-komunikazzjoni dwar il-GNSS																		
Titoli 1 u 2			1,415		1,833		1,869		1,688		1,612		1,759		1,739		1,780	
Titolu 3			664		3,750		3,250		3,200		3,250		3,750		3,750		3,250	
Subtotal għall-għan speċifiku Nru 2			2,079		5,583		5,119		4,888		4,862		5,509		5,489		5,030	
Għan Nru 3 - L-isfruttar ta' Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo u l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet PRS																		
Titoli 1 u 2			3,303		5,193		5,763		6,138		5,861		6,396		6,322		6,472	
Titolu 3			656		1,400		1,500		1,500		1,500		1,650		1,650		1,650	

Subtotal għall-għan speċifiku Nru 3		3,959		6,593		7,263		7,638		7,361		8,046		7,972		8,122
Għan Nru 4 - L-isfruttar tas-sistemi GNSS																
Titoli 1 u 2		1,750		6,567		8,878		9,974		10,110		11,352		11,379		11,811
Appoġġ (l-akkwist, il-finanzi, HR, ġestjoni tal-proġett u l-kontroll, l-affarijiet legali, il-komunikazzjoni)																
Titoli 1 u 2		2,496		2,291		2,181		2,148		2,051		2,238		2,213		2,265
<b>SPIŻA TOTALI GSA</b>		13,450		25,182		27,645		28,810		28,422		31,423		31,297		31,539

Is-suppożizzjonijiet li abbażi tagħhom huwa kkalkulat il-baġit tal-Aġenzija għall-perjodu bejn l-2013 u l-2020 huma kif ġej:

- ir-Regolament dwar il-GNSS il-ġdid, li bħalissa qed jiġi diskuss bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, għandu jkun adottat skont il-kundizzjonijiet proposti mill-Kummissjoni. Jekk dan ikun il-każ, il-ġestjoni tal-fażi tal-isfruttar ta' EGNOS għandha tkun trasferita lill-Aġenzija u l-ġestjoni tal-fażi tal-isfruttar tal-programm Galileo għandha tiġi ddelegata lill-Aġenzija mill-1 ta' Jannar 2014. Biex tkun tista' twettaq din il-missjoni importanti, l-Aġenzija għandu jkollha l-persunal u riżorsi baġitarji xierqa biex twettaq l-istadji differenti tal-programm. Ir-rekwiżiti tal-programmi GNSS u tal-iżvilupp tagħhom għandhom iwasslu għall-espansjoni tal-Aġenzija, li għandha tkun partikolarment mgħaġġla sal-2016 u tikber gradwalment wara dan;
- l-istabbiliment ta' Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo fi Franza u r-Renju Unit għadu qed jitħejja. L-implimentazzjoni sħiħa tagħhom għandha titlesta bejn l-2013 u l-2014 u t-testijiet ta' validazzjoni operazzjonali li jdumu 24 xahar għandhom jibdew f'dan iż-żmien, li jispjega l-ħtieġa għal ċertu numru ta' impjegati addizzjonali u spejjeż okkażjonali fl-2014; Il-ħtieġa ta' dan iċ-ċentru ġiet enfasizzata b'mod partikolari waqt il-ħidma dettaljata ta' tħejjija tas-servizzi. Dan iċ-ċentru għandu jkun mgħammar b'operaturi kwalifikati li jużaw is-software u t-tagħmir b'għarfien profund tal-aspetti ta' sigurtà tas-sistema u li għandhom jitħarrġu matul il-fażi tat-tnedija u tal-forniment progressiv tas-servizzi. Għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti f'termini ta' aċċess għall-PRS (Servizz Pubbliku Regolat – 'Public regulate service) għall-utenti tal-PRS. Iridu wkoll ifasslu l-proċeduri operattivi u jżguraw il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-inċidenti tas-sigurtà mas-sistema kollha.
- sa Ġunju 2017, ma teħtieġ l-ebda kera għall-istabbiliment tal-Aġenzija fi Praga. Wara din id-data, l-Aġenzija għandha tagħti ħlasijiet tal-kiri lill-awtoritajiet Ċeki, li jammontaw għal 25 % tal-valur kummerċjali tal-bini okkupat. L-istima saret fuq il-baġi tal-prezzijiet fil-belt ta'

Praga. Barra minn hekk, l-Aġenzija sejra jkollha spejjeż ta' kiri addizzjonali għas-siti l-oħrajn fejn l-Aġenzija sejra tagħmel xi xogħol bħal fi Franza (Saint Germain en Laye, Toulouse), ir-Renju Unit (Swanwick) u l-Pajjiżi l-Baxxi (ESTEC, Aġenzija Spazjali Ewropea);

- l-ispiża tal-persunal Aġenzija hija kkalkulata fuq il-bażi tal-ispejjeż medji tal-Kummissjoni. Hija tipprovdi għal rotazzjoni relattivament baxxa tal-persunal u dħul fis-servizz ta' persunal ġdid f'April ta' kull sena bħala medja. Differenzi fis-salarji li jikkunsidraw l-għoli tal-ħajja huma wkoll ikkunsidrati (dak ta' Praga huwa 15 % inqas minn dak ta' Brussell, li huwa 16 % aktar baxx minn dak ta' Franza);
- l-ispejjeż suġġetti għal rata ta' inflazzjoni annwali stmata ta' 3 % huma s-salarji, l-ispejjeż ta' kiri, l-ispejjeż relatati mat-teknoloġija tal-informazzjoni u s-servizzi pprovduti mill-Kummissjoni, kif ukoll is-servizzi tal-posta u telekomunikazzjonijiet. L-ispejjeż l-oħra kkalkolati ma kinux affettwati mill-inflazzjoni, li hija, fil-fatt, tnaqqis fl-ispejjeż reali għall-Aġenzija;
- l-ispejjeż amministrattivi attwali kienu kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż attwali mġarrba fl-2011 u l-2012, mingħajr ebda żieda minħabba l-inflazzjoni;
- matul is-snin 2012 u 2013, in-netwerks u t-tagħmir tal-informatika tal-Aġenzija se jkunu kompletament aġġornati wara r-rilokazzjoni tal-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija fi Praga f'Settembru 2012. Minħabba d-deprezzament u l-użu tagħhom, tali apparat għandu jiġġedded fl-2018, kemm fil-kwartieri ġenerali tal-Aġenzija kif ukoll fiċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo;
- matul il-perjodu bejn l-2014 u l-2020, sejrini ikunu implimentati xi wħud mill-attivitajiet tal-komunikazzjoni l-aktar importanti: it-tnedija tas-servizzi inizjali ta' Galileo fl-2014-2015, it-tnedija tal-fażi tal-isfruttar sħiħ tal-Galileo fl-2018-2019. Dawn l-avvenimenti ewlenin sejrini jeħtieġu wkoll li jinkludu aktar segmenti tas-suq fil-kampanji ta' komunikazzjoni globali tal-Aġenzija, u jsir id-disinn mill-ġdid tas-siti elettroniċi u l-għodod eżistenti tal-komunikazzjoni (inkluż it-titjib tas-servizzi ta' kontenut dak il-ħin stess);
- l-ispejjeż huma kkalkolati fuq is-suppożizzjoni li t-tiżi tas-separazzjoni bejn l-attivitajiet relatati mal-akkreditament tas-sigurtà u l-attivitajiet l-oħra tal-Aġenzija mhux se jirriżulta f'duplikazzjoni tas-servizzi amministrattivi ċentrali.

It-tabella t'hawn taħt tippreżenta baġit dettaljat tal-Aġenzija għall-perjodu 2013-2020.

Linja Baġitarja	Intestatura	2012		2013		2014-2020							
		2012	DB 2013	Baġit supplimentari 2013	Baġit rivedut 2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
<b>Titolu 1 - Nefqa tal-Persunal</b>													
1100	Spiża tal-persunal	6.149.109	6.575.000	1.280.000	7.855.000	10.892.552	12.357.217	14.447.117	14.352.913	14.985.347	15.539.313	16.121.796	98.696.255
	Miżati	350.000	350.000	15.000	365.000	665.000	770.000	1.440.000	1.465.000	1.485.000	1.505.000	1.530.000	8.860.000
1200	Spejjeż tar-reklutaġġ	70.000	105.000	125.000	230.000	310.000	310.000	310.000	70.000	70.000	70.000	70.000	1.210.000
1300	Missjonijiet u spostamenti	400.000	385.000	20.000	405.000	650.000	600.000	700.000	700.000	700.000	700.000	700.000	4.750.000
1400	Spejjeż ta' taħriġ	65.000	70.000	8.000	78.000	300.000	342.000	362.000	362.000	362.000	362.000	362.000	2.452.000
1700	Spejjeż ta' rappreżentanza	5.000	5.000	0	5.000	10.000	10.000	10.000	10.000	10.000	10.000	10.000	70.000
	<b>Total għal Titolu 1</b>	<b>7.039.109</b>	<b>7.490.000</b>	<b>1.448.000</b>	<b>8.938.000</b>	<b>12.827.552</b>	<b>14.389.217</b>	<b>17.269.117</b>	<b>16.959.913</b>	<b>17.612.347</b>	<b>18.186.313</b>	<b>18.793.796</b>	<b>116.038.255</b>
<b>Titolu 2 - Spejjeż amministrattivi</b>													
2000	Kiri ta' proprjeta	716.505	540.000	290.000	830.000	2.277.000	4.936.310	3.186.855	3.289.461	4.031.895	4.152.852	4.277.437	26.151.810
2100	Ipproċessar tad-dejta	2.050.000	895.000	0	895.000	2.199.800	999.700	879.481	821.145	1.769.696	940.535	943.665	8.554.022
2200	Proprjeta mobbli	200.000	184.000	0	184.000	385.000	133.000	270.000	50.000	50.000	50.000	50.000	988.000
2300	Spejjeż amministrattivi attwali	485.000	330.000	7.000	337.000	720.000	800.000	840.000	900.000	900.000	900.000	900.000	5.960.000
2400	Spejjeż ta' posta u telekomunikazzjoni	80.000	150.000	5.000	155.000	157.680	171.433	199.364	186.201	194.488	202.409	209.198	1.320.773
2500	Laqgħat	71.287	85.000	0	85.000	65.000	65.000	65.000	65.000	65.000	65.000	65.000	455.000
	<b>Total għal Titolu 2</b>	<b>3.602.792</b>	<b>2.184.000</b>	<b>302.000</b>	<b>2.486.000</b>	<b>5.804.480</b>	<b>7.105.443</b>	<b>5.440.701</b>	<b>5.311.807</b>	<b>7.011.079</b>	<b>6.310.796</b>	<b>6.445.300</b>	<b>43.429.605</b>
	<b>Total għal Titolu 1 u 2</b>	<b>10.641.901</b>	<b>9.674.000</b>	<b>1.750.000</b>	<b>11.424.000</b>	<b>18.632.032</b>	<b>21.494.660</b>	<b>22.709.818</b>	<b>22.271.720</b>	<b>24.623.425</b>	<b>24.497.109</b>	<b>25.239.096</b>	<b>159.467.860</b>
<b>Titolu 3 - Spejjeż operattivi</b>													
3100	Studji u operazzjonijiet	726.747	1.710.000	0	1.710.000	5.150.000	4.750.000	4.700.000	4.750.000	5.400.000	5.400.000	4.900.000	35.050.000
3300	Spejjeż operattivi tal-SAB	1.370.000	1.350.000	0	1.350.000	1.400.000	1.400.000	1.400.000	1.400.000	1.400.000	1.400.000	1.400.000	9.800.000
	<b>Total għal Titolu 3</b>	<b>2.096.747</b>	<b>3.060.000</b>	<b>0</b>	<b>3.060.000</b>	<b>6.550.000</b>	<b>6.150.000</b>	<b>6.100.000</b>	<b>6.150.000</b>	<b>6.800.000</b>	<b>6.800.000</b>	<b>6.300.000</b>	<b>44.850.000</b>
	<b>TOTAL it-Title 1, 2 u 3</b>	<b>12.738.648</b>	<b>12.734.000</b>	<b>1.750.000</b>	<b>14.484.000</b>	<b>25.182.032</b>	<b>27.644.660</b>	<b>28.809.818</b>	<b>28.421.720</b>	<b>31.423.425</b>	<b>31.297.109</b>	<b>31.539.096</b>	<b>204.317.860</b>

### 3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani u l-baġit tal-Aġenzija

#### 3.2.3.1. Sommarju

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiġx l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet amministrattivi, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljuni (sa tliet (3) punti deċimali)

	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	TOTAL
--	------	------	------	------	------	------	------	------	-------

Uffiċjali (grad AD)									
Uffiċjali (grad AST)									
Aġenti kuntrattwali		1,125	1,276	1,376	1,393	1,435	1,478	1,522	<b>9,606</b>
Aġenti temporanji		9,768	11,081	13,071	12,960	13,550	14,061	14,599	<b>89,090</b>
Esperti nazzjonali ssekondati									

<b>TOTAL</b>		<b>10,893</b>	<b>12,357</b>	<b>14,447</b>	<b>14,353</b>	<b>14,985</b>	<b>15,539</b>	<b>16,122</b>	<b>98,696</b>
--------------	--	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------	---------------

L-ispejjeż tal-persunal huma kkalkolati abbażi tas-suppożizzjonijiet ewlenin li ġejjin:

- rata ta' AT = rata medja tal-Kummissjoni (EUR 95 000 + inflazzjoni);
- rata ta' AK = rata medja tal-Kummissjoni (total FGIII u FGIV =EUR 40 000 + inflazzjoni);
- inflazzjoni ta' 3 % fis-sena;
- tnaqqis ta' 3 % tal-ispejjeż tal-persunal minħabba r-rotazzjoni;
- tnaqqis ta' 25 % tal-ispejjeż assoċjati mar-reklutaġġ ta' persunal ġdid - dħul fis-servizz fl-1 ta' April fil-medja;
- spejjeż ta' installazzjoni skont ir-regolamenti tal-persunal: konċessjoni għall-installazzjoni, konċessjoni ta' kuljum (tliet xhur biss), spejjeż ta' ċaqliq, spejjeż tal-ivvjaġġar.

Persunal tal-Aġenzija meħtieġ għall-perjodu 2013-2020 (f'numru ta' persuni)

	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Aġenti temporanji	77	97	109	117	121	123	124	125
ENS / AK	17	25	29	31	31	31	31	31
<b>TOTAL</b>	<b>94</b>	<b>122</b>	<b>138</b>	<b>148</b>	<b>152</b>	<b>154</b>	<b>155</b>	<b>156</b>

Persunal tal-Aġenzija skont l-attività (f'numru ta' persuni)

	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Persunal direttament assenjat għall-isfruttar tas-sistemi GNSS	20	43	57	65	69	71	72	73
Persunal direttament assenjat lil GSMC	28	34	37	40	40	40	40	40
Persunal assenjat għall-kompiti tal-GSA stess (kompiti eżistenti)	46	45	44	43	43	43	43	43
<b>TOTAL</b>	<b>94</b>	<b>122</b>	<b>138</b>	<b>148</b>	<b>152</b>	<b>154</b>	<b>155</b>	<b>156</b>

Persunal tal-Aġenzija skont l-attività (f' % tat-total)

	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020
Perċentwal ta' persunal tal-GSA assenjat għall-isfruttar	21 %	35 %	41 %	44 %	45 %	46 %	46 %	47 %
Perċentwal ta' persunal tal-GSA assenjat lil GSMC	30 %	29 %	27 %	26 %	26 %	26 %	26 %	26 %
Perċentwal ta' persunal tal-GSA assenjat għall-kompiti essenzjali tal-GSA (kompiti eżistenti)	49 %	36 %	32 %	30 %	29 %	28 %	28 %	27 %
<b>TOTAL</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>	<b>100%</b>

Kif indikat hawn fuq, l-Aġenzija sejra tkun responsabbli għall-kompiti varji, li wħud minnhom huma ġodda u oħrajn huma biss estensjoni tal-attivitajiet attwali tagħha. It-tnaqqis ta' 5 % tal-persunal allokat għall-kompiti attwali tal-Aġenzija ġie implimentat u rriżulta fit-



tneħħija ta' tliet FTEs għat-twettiq ta' dawn il-kompiti b'rata ta' FTE wieħed għal kull sena 2014, 2015 u 2016.

Il-ħtiġijiet tal-persunal tal-Aġenzija ġew evalwati mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Aġenzija u fuq il-bażi ta' studju li jstabbilixxi f'aktar dettall l-attivitajiet kollha li għandhom jiġu implimentati fil-kuntest tal-isfruttar tal-programmi<sup>23</sup>.

---

<sup>23</sup>

Dan l-istudju sar mill-konsulenti Roland Berger fl-2011 għal EGNOS u fl-2012 għal Galileo. Dan irriżulta fl-istabbiliment ta' skema ta' tqassim tal-kompiti li jiżguraw it-tħaddim tas-sistemi, inkluż il-persunal meħtieġ biex iwettaq dawn il-kompiti. Sommarju ta' dawn il-kompiti ġie inkluż fit-tabella li tiddekrivi l-kompiti li għandhom jitwettqu.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u aġenti temporanji	<ol style="list-style-type: none"><li>1. L-akkreditament tas-sigurtà tas-sistemi GNSS (kompitu tal-Aġenzija stess)</li><li>2. Il-ġestjoni ta' Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sigurtà Galileo (kompitu essenzjali tal-Aġenzija, li se jkompli jizjed, prinċipalment fl-2014, wara l-ewwel postijiet tax-xogħol fl-2012 u l-2013)</li><li>3. Żvilupp tas-suq u tal-applikazzjonijiet GNSS, inklużi teknoloġiji għall-utenti ta' PRS (kompitu tal-Aġenzija stess, possibbilment issupplimentat minn kompiti addizzjonali ddelegati)</li><li>4. Komunikazzjonijiet GNSS: (kompitu essenzjali tal-Aġenzija)</li><li>5. L-isfruttar tas-sistemi GNSS (kompitu ġdid iddelegat mill-Kummissjoni - l-isfruttar ta' EGNOS jirrappreżenta trasferiment ta' ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni lill-Aġenzija waqt li l-isfruttar tas-sistema taħt il-programm Galileo jirrappreżenta delegazzjoni tal-ġestjoni tal-programm mill-Kummissjoni lill-Aġenzija)</li></ol> <p>L-attivitajiet li għandhom jitwettqu matul il-fażi tal-isfruttar tal-programmi kienu identifikati u strutturati fi skema ta' tqassim tal-kompiti. Ir-responsabbiltà għall-attivitajiet kollha ta' sfruttar se tiġi ddelegata lill-Aġenzija li trid tiżgura l-koordinazzjoni tagħhom iżda mhux neċessarjament l-eżekuzzjoni tagħhom. Għandu jiġi nnutat li ħafna minn dawn l-attivitajiet ġejjin mill-bżonn li jiġu żgurati l-operazzjonijiet ta' provvista ta' servizzi u li dawn l-attivitajiet bħalissa mhumiex indirizzati fl-organizzazzjoni eżistenti tal-programmi. Fl-iskema ta' tqassim tal-kompiti, l-attivitajiet kollha relatati mal-isfruttar jistgħu jinqassmu f'ħames oqsma msemmija hawn taħt:</p> <ul style="list-style-type: none"><li>- Il-ġestjoni tal-eżekuzzjoni tal-programmi, li tikkonsisti prinċipalment fi:<ul style="list-style-type: none"><li>o spjegazzjoni fid-dettall tal-għanijiet ta' livell għoli stipulati mill-Kummissjoni, il-ftehimiet internazzjonali u intergovernattivi kif ukoll ir-rekwiżiti ta' sigurtà tas-sistema f'"Mission Requirement Document" (Dokument tar-Rekwiżiti tal-Missjoni);</li><li>o il-kontroll tal-ippjanar, l-ispejjeż u r-riskji tal-programmi;</li><li>o l-iżgurar tal-konklużjoni u l-monitoraġġ tal-ftehimiet u tal-kuntratti meħtieġa għall-isfruttar tal-programmi.</li></ul></li><li>- L-ingerija tal-programmi li tikkonsisti fit-tfassil tal-iżviluppi futuri b'konformità mad-dokument tar-rekwiżiti tal-missjoni, il-koordinazzjoni tal-proċess ta' standardizzazzjoni tas-sistema, l-iżvilupp u l-validazzjoni ta' infrastrutturi ġodda (inkluż is-sofwer), l-iżgurar tal-ingerija tal-missjoni u l-valutazzjoni tal-prestazzjoni tas-sistema.</li><li>- It-taqsimu dwar l-infrastrutturi li tkopri l-attivitajiet li jikkonsistu fil-ġestjoni tal-proġett ta' infrastruttura, fl-iżgurar tal-ingerija tas-sistema, il-bini tal-infrastrutturi spazjali u terrestri u l-aġġornamenti tas-sistema.</li></ul>
-------------------------------	---

	<ul style="list-style-type: none"> <li>- L-isfruttar u l-provvediment ta' servizzi li jinkludu l-ġestjoni tal-attivitajiet ta' twassil tas-servizzi, l-operat tal-infrastrutturi u l-kontroll tal-eżekuzzjoni xierqa tal-operazzjonijiet.</li> <li>- L-użu tas-servizzi permezz tad-definizzjoni u ż-żamma ta' strateġija kummerċjali, għall-promozzjoni tal-użu u tal-adozzjoni tas-servizzi u l-appoġġ għad-disinn u l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet ġodda.</li> </ul>
Persunal estern	<p>Essenzjalment kompiti ta' appoġġ /ta' ammistrazzjoni maħsuba sabiex jiżguraw l-operat bla xkiel tal-operazzjonijiet.</p> <p>Mill-2015, l-istaff ta' appoġġ ser jirrappreżenta 16 % tal-persunal kollu tal-Aġenzija u se jkun ammont baxx meta mqabbel mal-istandards tal-aġenziji u tal-Unjoni (fil-fatt, din ir-rata hija stmata għal 25 % għall-aġenziji tal-Unjoni li laħqu veloċità moderata u hija saħansitra oġhla fil-Kummissjoni).</p>

It-tabella t'hawn taħt tippreżenta l-persunal tal-Aġenzija fid-dettall għall-perjodu 2013-2020:

			2012			2013			2014			2015			2016			2017			2018			2019			2020			
			AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total	AT	ENS + AK	Total				
Sfruttar	Op	Galileo	1	0	1	8	0	8	17	3	20	25	7	32	31	8	39	35	8	43	37	8	45	38	8	46	39	8	47	
		EGNOS	1	0	1	9	0	9	14	1	15	14	1	15	14	1	15	14	1	15	14	1	15	14	1	15	14	1	15	
	Appoġġ	Galileo	0	0	0	3	0	3	3	3	6	4	4	8	4	5	9	4	5	9	4	5	9	4	5	9	4	5	9	
		EGNOS	0	0	0	0	0	0	1	1	2	1	1	2	1	1	2	1	1	2	1	1	2	1	1	2	1	1	2	
Attivitajiet diġà allokati lill-GSA (sors: GSA)	Sitwazzjoni attwali	Akkreditament tas-sigurtà/segment tal-utent PR/ Ġestjoni tas-sigurtà	10	5	15																									
		Adozzjoni u żvilupp fis-suq	5	7	12																									
		GSMC	14	2	16																									
		Appoġġ (inkluż l-uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv)	13	3	16																									
	Evoluzzjoni futura	Akkreditament tas-sigurtà/segment tal-utent PR/ Ġestjoni tas-sigurtà				13	5	18	13	5	18	13	5	18	13	5	18	13	5	18	13	5	18	13	5	18	13	5	18	
		Adozzjoni u żvilupp fis-suq				5	7	12	5	7	12	5	7	12	4	7	11	4	7	11	4	7	11	4	7	11	4	7	11	
		GSMC				26	2	28	32	2	34	35	2	37	38	2	40	38	2	40	38	2	40	38	2	40	38	2	40	
		Appoġġ (inkluż l-uffiċċju tad-Direttur Eżekuttiv)				13	3	16	12	3	15	12	2	14	12	2	14	12	2	14	12	2	14	12	2	14	12	2	14	
<b>Total kumplessiv</b>			44	17	61	77	17	94	97	25	122	109	29	138	117	31	148	121	31	152	123	31	154	124	31	155	125	31	156	

Il-persunal addizzjonali meħtieġ biex jiġu sfruttati s-sistemi huwa primarjament maħsub għal pożizzjonijiet AD, li minnhom inqas minn 10 % huma assenjati għall-kompiti superviżorji (grad AD10 sa AD12). Ħafna mill-postijiet l-oħrajn sejrjn jimtlew bir-reklutaġġ fil-grad ta' AD6 sa AD9 minħabba d-diffikultà tar-reklutaġġ ta' persunal b'esperjenza b'ħiliet tekniċi speċjalizzati ħafna.

### 3.2.3.2. Ir-reqwiziti stmati fir-riżorsi umani għad-DĠ

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu tar-riżorsi umani.

Il-proposta ma tirrikjedix l-użu ta' riżorsi umani addizzjonali mill-Kummissjoni iżda, għal kuntrarju, huwa previst tnaqqis kif spjegat fil-paragrafu 3.4.

- Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn isfel:

### 3.2.4. *Il-kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali għas-sena 2013 u - f'dak li jirrigwarda s-snin ta' wara - mal-proposta tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju 2014-2020.
- Il-proposta/l-inizjattiva sejra tinvolvi l-ipprogrammar mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-applikazzjoni tal-istrument tal-flessibilità jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali<sup>24</sup>.

Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.
---

### 3.2.5. *Il-parteċipazzjoni ta' partijiet terzi fil-finanzjament*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdi l-ebda kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

---

<sup>24</sup> Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

### 3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
  - fuq ir-riżorsi proprji
  - fuq dħul mixxellanju

### 3.4. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-Kummissjoni

Anki jekk dan ir-rendikont finanzjarju jiffoka fuq l-effetti li d-delegazzjoni ta' responsabbiltajiet ġodda ta' ġestjoni operattiva tal-programmi GNSS se jkollha fuq l-Aġenzija, huwa utli li wieħed jikkunsidra wkoll l-impatt li l-governanza futura tal-programmi GNSS jista' jkollha fuq ir-riżorsi umani tal-Kummissjoni.

Kif spjegat hawn fuq, il-kompiti li jkunu għadhom kif ġew allokat lill-Aġenzija, fil-parti l-kbira, huma kompiti ġodda li għalihom m'hemm l-ebda ekwivalenti fl-organizzazzjoni attwali tal-programmi GNSS. Fil-fatt, jekk il-kompiti marbuta mal-operat tal-EGNOS jiġu trasferiti mill-Kummissjoni għall-Aġenzija, il-kompiti marbuta mal-isfruttar tas-sistema li tirriżulta mill-programm Galileo ddelegati lill-Aġenzija huma kompiti ġodda minħabba li s-sistema għadha mhijiex operattiva. Huwa għalhekk li Galileo għadu mhux qed jipprovdi servizzi u li t-timijiet li hemm fil-Kummissjoni u fl-Aġenzija ffukaw l-isforzi tagħhom fuq l-iskjerament tal-infrastruttura. It-tranżizzjoni għal infrastruttura operattiva u l-bidu tal-provvista tas-servizzi li minnhom jiddependu ħajjiet jeħtieġu attivitajiet totalment ġodda u persunal addizzjonali. Filwaqt li l-persunal tal-Kummissjoni u l-Aġenzija ser jiżdied, b'mod kumulattiv, b'31 %, il-baġit annwali medju ġestit ser jikber b'103 % bejn l-2007-2013 u l-2014-2020.

Għal xi snin u sakemm titlesta l-fażi rilevanti, il-Kummissjoni sejra tkompli tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura Galileo u sejra żżomm it-timijiet li jissorveljaw dawn l-isforzi. Wara dan, ir-rwol tal-Kummissjoni se jikkonċentra fuq is-supervizzjoni politika tal-programmi u għalhekk il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas total ta' 30 post tax-xogħol mill-pjan ta' stabbiliment tagħha matul il-perjodu 2014-2020. Dan it-tnaqqis jirrifletti prinċipalment:

- 2) il-proċess ta' trasferiment lill-Aġenzija fir-rigward tal-attivitajiet tal-isfruttar ta' EGNOS (il-fażi tal-isfruttar tal-programm Galileo tirrappreżenta komputu ġdid) li se jwassal għal tnaqqis fil-persunal GNSS tal-Kummissjoni ta' tliet FTE (3,3 %);
- 3) il-prinċipju ta' tnaqqis ta' ħaddiema deċiż mill-Kummissjoni għall-attivitajiet eżistenti, li jirriżulta fi tnaqqis supplimentari ta' 12 FTE (13 %).
- 4) il-prinċipju ta' tnaqqis addizzjonali ta' persunal ta' 15 FTE wara tqassim mill-ġdid tal-persunal intern fil-Kummissjoni.

Għalhekk l-evoluzzjoni tal-persunal fil-Kummissjoni għas-servizzi GNSS hija kif ġej:

<b>Persunal tal-Kummissjoni assenjat għal kompiti GNSS</b>	2013	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Tnaqqis totali
<b>Tnaqqis</b>	<b>0</b>	<b>-3</b>			<b>-3</b>	<b>-4</b>	<b>-5</b>	<b>0</b>	<b>-15</b>
<b>TOTAL</b>	<b>92</b>	<b>89</b>	<b>89</b>	<b>89</b>	<b>86</b>	<b>82</b>	<b>77</b>	<b>77</b>	

It-tnaqqis addizzjonali msemmi fil-punt 3 hawn fuq se jkun imqassam fuq bażi mhux lineari matul is-seba' snin. It-tnaqqis ta' 30 post tax-xogħol huwa indipendenti u għalhekk addizzjonali mat-tnaqqis orizzontali ta' 5 % bejn l-2013 u l-2017 tal-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni; dawn il-postijiet se jkunu mnaqqsa kompletament mill-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni.

Tnaqqis addizzjonali tal-persunal tal-Kummissjoni

	2014	2015	2016	2017	2018	2019	2020	Tnaqqis totali
<b>TOTAL Tnaqqis addizzjonali ta' persunal fil-Kummissjoni</b>	<b>-2</b>	<b>-3</b>	<b>-3</b>	<b>-2</b>	<b>-2</b>	<b>-2</b>	<b>-1</b>	<b>-15</b>

Dawn il-ħtiġijiet fir-riżorsi umani se jkunu koperti permezz tal-persunal tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew imqassma mill-ġdid internament fi ħdan id-DĠ, u jekk ikun il-każ jiġu kkompletati minn kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jiġġestixxi fil-qafas tal-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji eżistenti.

Dan it-tnaqqis huwa implimentat minkejja li l-Kummissjoni sejra tkompli tassumi r-responsabbiltà ġenerali għall-programmi GNSS u minkejja l-ħafna kompiti ġodda assenjati lill-Kummissjoni mill-Kunsill u l-Parlament Ewropew (kif instab matul in-negojzati tar-Regolament il-ġdid dwar il-GNSS), bħad-definizzjoni ta' politika ġdida dwar l-IPR, l-evoluzzjoni tal-missjoni u r-rekwiżiti stretti ta' rapporti lill-Kumitat għall-GNSS, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew. Il-Kummissjoni sejra tagħmel hilita biex tittratta dawn il-kompiti ġodda permezz ta' riallokazzjoni interna.

B'mod aktar speċifiku, ir-rwol futur tal-Kummissjoni jista' jitqassar fis-sitt blokko ta' attivitá li ġejjin:

- il-kontribut għall-għanijiet strateġiċi usa' tal-UE: l-għan huwa li tippromwovi l-inklużjoni ta' teknoloġiji tal-GNSS fl-oqsma varji ta' riċerka u l-kunsiderazzjoni tagħhom fl-inizjattivi ta' politika settorjali dwar, pereżempju, il-modi ta' trasport, l-agrikultura, il-mobilitá tal-persuni, is-sinkronizzazzjoni jew l-enerġija, u dan, sabiex tiżgura li l-politiki tal-UE f'dawn is-setturi tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni u valur miżjud tas-sistemi Ewropej ta' radjunavigazzjoni bis-satellita;
- id-definizzjoni u l-iżvilupp tal-għanijiet ta' livell għoli tal-programmi sabiex jirriflettu l-ħtiġijiet politiċi u l-ħtiġijiet tal-partijiet interessati u l-utenti oħra, u jsarrfu dawn ir-rekwiżiti u ħtiġijiet fi strateġija u f'rekwiżiti tekniċi;



- id-definizzjoni u l-adattament tal-kundizzjonijiet ta' implimentazzjoni. Skont l-oġġettivi strateġiċi tal-Kummissjoni dwar il-programmi, jeħtieġ li jkunu definiti l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tagħhom, bħall-ftehimiet ta' delega, jiġu speċifikati l-ftehimiet dwar l-ospitalità tas-siti u jiġu elaborati standards xierqa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni sejra tibqa' responsabbli għas-sigurtà tas-sistemi. Hija ser ikollha għalhekk tiddefinixxi l-ħtiġijiet tas-sigurtà u tiżgura l-koordinazzjoni għall-kwistjonijiet tas-sigurtà;
- id-definizzjoni u l-iżvilupp tal-politiki relatati mal-GNSS, il-ħolqien tal-ambjent regolatorju u l-ambjent internazzjonali li jwassal għall-kisba tal-għanijiet tal-programmi GNSS. Fil-kuntest tal-ħidma fuq il-qafas regolatorju tal-programmi GNSS, il-Kummissjoni sejra teżamina l-kwistjoni tas-sigurtà u tas-sigurezza tal-utenti tal-GNSS, tevalwa l-vulnerabilità ta' sistemi u tagħmir ta' radjunavigazzjoni bis-satellita u tipproponi miżuri ta' kumpens, sejra tiżgura l-armonizzazzjoni tas-servizzi Ewropej ta' radjunavigazzjoni, iżżid l-istabbiltà sabiex l-industrija tkun tista' tippjana l-investment futur u ssaħħaħ is-sikurezza u s-sigurtà (eż. permezz tal-implimentazzjoni ta' miżuri biex titnaqqas id-dipendenza fir-rigward tal-GPS). Fil-qasam internazzjonali, sejra tabbozza u tinnegozja ftahimiet internazzjonali u tikkoordina ma' korpi internazzjonali sabiex tiżgura l-kompatibbiltà u l-interoperabbiltà ma' sistemi GNSS oħra;
- is-sorveljanza tal-implimentazzjoni tal-programmi. Anki jekk il-Kummissjoni mhux sejra tkun responsabbli mill-ġestjoni operattiva tal-programmi, hija sejra żżomm ir-responsabbiltà ġenerali għall-andament tajjeb tagħhom u sejra tkun responsabbli għal kwalunkwe spiża addizzjonali jew dewmien fl-iskeda. Għalhekk, huwa kruċjali li l-Kummissjoni ssegwi mill-qrib l-implimentazzjoni tal-programmi mill-Aġenzija Spazjali Ewropea (għat-tlestija tal-fażi ta' skjerament) u mill-Aġenzija Ewropea tal-GNSS (għall-fażi tal-isfruttar). L-Istati Membri u l-Parlament Ewropew ressqu wkoll permezz tal-abbozz tar-Regolament dwar il-GNSS li attwalment jinsab fi proċedura ta' kodeċiżjoni, rekwiżiti stretti ħafna għat-trażmissjoni ta' rapporti. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sejra tiżgura t-tħejjija, il-preżentazzjoni u t-tixrid ta' dawn ir-rapporti lill-Kumitat għall-GNSS u b'mod partikolari, lill-awtorità baġitarja;
- il-ġestjoni tar-relazzjonijiet mal-partijiet interessati billi tipprovdihom informazzjoni aġġornata, pożittiva, konsistenti u utli dwar il-progress ta' EGNOS u Galileo, kif ukoll billi tħejji rapporti professjonali regolari għall-pubbliku intern u estern.